2024/2594

8.10.2024

REGOLAMENT (UE) 2024/2594 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Settembru 2024

li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni, ta' ġestjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni multilaterali fil-ġejjieni dwar is-sajd fl-Atlantiku tal-Grigal, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1899/85 u (KEE) Nru 1638/87

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja [2],

Billi:

(1) Wieħed mill-objettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3], huwa li tiżgura l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar b'mod li jipprovdi benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 28 ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd tagħha barra l-ilmijiet tal-Unjoni jkunu bbażati fuq l-istess prinċipji u standards bħal dawk applikabbli skont il-liġi tal-Unjoni fil-qasam tal-PKS, filwaqt li jiġu promossi kundizzjonijiet ekwivalenti għal operaturi mill-Unjoni fir-rigward ta' operaturi minn pajjiżi terzi.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE [4], l-Unjoni approvat il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar. Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE [5], l-Unjoni approvat il-Ftehim għall-implimentazzjoni ta' dik il-Konvenzjoni relatata mal-konservazzjoni u l-maniġġar ta' stokkijiet ta' ħut trans-żonali u stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna, li fiha prinċipji u regoli fir-rigward tal-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar. Fil-kuntest tal-obbligi internazzjonali aktar ġenerali tagħha, l-Unjoni tieħu sehem fl-isforzi li jsiru fl-ibħra internazzjonali għall-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut.

[1] ĠU C, C/2023/871, 8.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/871/oj.
[2] Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' April 2024 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2024.
[3] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).
[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1).
[5] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/414/KE tat-8 ta' Ġunju 1998 dwar ir-ratifika mill-Komunità Ewropea tal-Ftehim sabiex jimplimenta d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 li għandha x'taqsam mal-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-istokk tal-ħut fuq iż-żewġ naħat tal-istess żona u l-istokks tal-ħut li jpassi bil-qawwi (ĠU L 189, 3.7.1998, p. 14).

(3) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/608/KEE ([6]), il-Komunità Ekonomika Ewropea approvat il-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal ("il-Konvenzjoni NEAFC"), li stabbiliet il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC). L-emendi tal-2004 u l-2006 għall-Konvenzjoni NEAFC ġew approvati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/550/KE ([7]). Dawk l-emendi daħlu fis-seħħ formalment fid-29 ta' Ottubru 2013, għalkemm, f'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-2005 dwar l-Interpretazzjoni u l-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal (id-Dikjarazzjoni ta' Londra), ġie miftiehem li l-emendi jiġu implimentati fuq bażi proviżorja mid-data tal-adozzjoni tagħhom, sakemm jidħlu fis-seħħ.

(4) Il-Konvenzjoni NEAFC għandha l-għan li tiżgura l-konservazzjoni fit-tul u l-użu ottimali tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha ("iż-Żona tal-Konvenzjoni"), filwaqt li jiġu pprovduti benefiċċji ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli. Għal dak il-għan, l-NEAFC għandha l-awtorità li tadotta deċiżjonijiet legalment vinkolanti ("rakkomandazzjonijiet") għall-konservazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll tar-riżorsi tas-sajd taħt il-mandat tagħha. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet ikunu essenzjalment indirizzati lill-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni NEAFC ("il-Partijiet Kontraenti"), iżda fihom wkoll obbligi għall-operaturi pereżempju l-kaptani tal-bastimenti tas-sajd. Dawk il-miżuri jistgħu jsiru vinkolanti għall-Unjoni u, fil-każ tal-Unjoni, iridu jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni sa fejn ma jkunux diġà koperti bil-liġi tal-Unjoni.

(5) Ir-Rakkomandazzjoni 19:2014 tal-NEAFC tistabbilixxi miżuri għall-protezzjoni ta' ekosistemi marini vulnerabbli billi tiddetermina żoni magħluqa għas-sajd tal-qiegħ, żoni eżistenti tas-sajd tal-qiegħ u r-rekwiżiti għas-sajd esploratorju. Ċerti partijiet ta' dik ir-Rakkomandazzjoni ġew implimentati fil-liġi tal-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]). Għalhekk huwa xieraq li dan ir-Regolament jiżgura l-implimentazzjoni sħiħa ta' dik ir-Rakkomandazzjoni fl-intier tagħha fil-liġi tal-Unjoni, filwaqt li jiġi nnotat li, skont ir-Rakkomandazzjoni 19:2014, l-Unjoni tista' tipproponi lill-NEAFC biex tneħħi jew temenda ċerti żoni fejn il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) jagħti parir li f'dawk iż-żoni jkun meqjus li mhux probabbli li jseħħu impatti negattivi sinifikanti fuq ekosistemi marini vulnerabbli.

(6) L-NEAFC adottat ukoll ir-Rakkomandazzjonijiet 01:2023 u 04:2023 li jistabbilixxu żoni magħluqa għar-redfish fil-Baħar Irminger u għall-merluzz tal-linja sewda Rockall. Jenħtieġ li dawk ir-Rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni.

(7) Għal ċertu sajd, l-NEAFC ma kinitx f'pożizzjoni li tadotta rakkomandazzjonijiet rilevanti. Madankollu, jenħtieġ li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni f'konformità mal-pożizzjonijiet tal-Unjoni espressi fl-NEAFC biex jiġu żgurati benefiċċji ta' konservazzjoni għal dawk l-istokkijiet.

(8) L-aħħar implimentazzjoni fil-liġi tal-Unjoni ta' miżuri ta' kontroll adottati mill-NEAFC ġiet ippromulgata permezz tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]). Minn dak iż-żmien, l-NEAFC emendat xi miżuri li diġà huma fis-seħħ u adottat miżuri ġodda li għadhom ma ġewx implimentati fil-liġi tal-Unjoni. Dan jirrigwarda b'mod partikolari l-miżuri ta' kontroll fl-ambitu tal-Iskema ta' Kontroll u Infurzar tal-NEAFC ("l-Iskema tal-NEAFC").

(9) L-Iskema tal-NEAFC hija rakkomandazzjoni li tistabbilixxi miżuri ta' kontroll u ta' infurzar applikabbli għal bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Partijiet Kontraenti u li joperaw fl-ilmijiet taż-Żona tal-Konvenzjoni li jinsabu lil hinn mill-ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tas-sajd tal-Partijiet Kontraenti ("iż-Żona Regolatorja"), arranġamenti għall-proċeduri ta' spezzjoni u ta' sorveljanza fuq il-baħar fiż-Żona Regolatorja, u l-proċeduri f'każ ta' ksur li jridu jiġu implimentati mill-Partijiet Kontraenti. Dan jinkludi ċerti miżuri ta' kontroll applikabbli għaż-Żona tal-Konvenzjoni, li jkopru l-ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Partijiet Kontraenti, bħal rekwiżiti dwar it-tikkettar għall-ħut iffriżat. L-Iskema tal-NEAFC tipprevedi wkoll sistema ta' kontroll mill-Istat tal-port applikabbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Partijiet Kontraenti li jġorru abbord riżorsi tas-sajd miż-Żona tal-Konvenzjoni u li jkun beħsiebhom jidħlu f'portijiet ta' Parti Kontraenti oħra. Dik is-sistema tirrikjedi notifika minn qabel mill-operatur, li għandha tiġi vverifikata mill-Parti Kontraenti tal-bandiera, qabel ma l-Istat tal-port jagħti l-awtorizzazzjoni għall-ħatt l-art, għat-trażbord jew għall-użu ta' servizzi oħra tal-port.

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/608/KEE tat-13 ta' Lulju 1981 li tirrigwarda l-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal (ĠU L 227, 12.8.1981, p. 21).

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/550/KE tal-5 ta' Marzu 2009 dwar l-approvazzjoni ta' emendi għall-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni multilaterali fil-ġejjieni rigward is-Sajd fil-Grigal tal-Atlantiku, li jippermettu l-istabbiliment ta' proċeduri ta' riżoluzzjoni ta' disputi, l-estensjoni tal-ambitu tal-Konvenzjoni u reviżjoni tal-għanijiet tal-Konvenzjoni (ĠU L 184, 16.7.2009, p. 12).

([8]) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

([9]) Ir-Regolament (UE) Nru 1236/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi skema ta' kontroll u infurzar applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2791/1999 (ĠU L 348, 31.12.2010, p. 17).

(10) Ir-Rakkomandazzjoni 19:2019 tal-NEAFC introduċiet sistema elettronika ta' rapportar (ERS) għall-komunikazzjoni tad-*data* bejn il-Partijiet Kontraenti u s-Segretarjat tal-NEAFC ibbażata fuq l-istandard FLUX UN/CEFACT għall-ġestjoni sostenibbli tas-sajd. L-introduzzjoni ta' dak l-istandard hija assoċjata mad-dħul fis-seħħ ta' Skema ta' Kontroll u Infurzar ġdida tal-NEAFC. Jeħtieġ li dik ir-Rakkomandazzjoni tiġi implimentata fil-liġi tal-Unjoni.

(11) Fl-2022, l-Unjoni, il-Gżejjer Faeroe, Greenland, l-Iżlanda, in-Norveġja u r-Renju Unit wettqu konsultazzjonijiet dwar miżuri ta' kontroll għal ċertu sajd pelaġiku fil-Grigal tal-Atlantiku. Dawk il-konsultazzjonijiet ġew konklużi f'Novembru 2022, abbażi tal-pożizzjoni tal-Unjoni approvata mill-Kunsill fl-14 ta' Ottubru 2022. Jenħtieġ li l-miżuri miftiehma f'dawk il-konsultazzjonijiet jiġu implimentati fil-liġi tal-Unjoni. F'konformità mal-ftehim tal-Partijiet għal dawk il-konsultazzjonijiet dwar is-sajd, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' ċerti miżuri tiġi differita sabiex jingħata biżżejjed żmien għall-implimentazzjoni. Dawk il-miżuri mhux ser jiksbu l-objettivi tagħhom bis-sħiħ għajr jekk il-partijiet kollha għall-konsultazzjonijiet rilevanti dwar is-sajd jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ għall-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut u l-kooperazzjoni reċiproka u jżommu lura milli jadottaw miżuri tas-sajd unilaterali.

(12) F'faċilitajiet ta' ħatt l-art u tal-ipproċessar fejn jintiżnu aktar minn 3 000 tunnellata ta' ċerti stokkijiet pelaġiċi kull sena kalendarja u fejn iseħħ ħatt l-art ta' aktar minn 10 tunnellati ta' dawk l-istokkijiet, u b'hekk jiġi eskluż is-sajd kostali fuq skala żgħira u s-sajd artiġjanali, jenħtieġ li jiġu mmonitorjati biss il-ħatt l-art u l-użin tal-ħatt l-art ta' aktar minn 10 tunnellati permezz ta' teknoloġiji tal-kamera u tas-sensuri. Jenħtieġ li jingħadd il-ħatt l-art kollu biex jiġi ddeterminat il-limitu ta' 3 000 tunnellata. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-lista tal-portijiet li jissodisfaw dawk il-kundizzjonijiet. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li taġġusta dawk il-limiti u l-metodi għall-kalkolu tagħhom jekk isiru aġġustamenti u preċiżjonijiet għal dawn l-aspetti fi ftehimiet futuri milħuqa bejn l-Istati kostali jew fil-qafas tal-NEAFC.

(13) L-implimentazzjoni tat-telesorveljanza tal-ħatt l-art tista' tibbenefika minn appoġġ taħt il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]).

(14) Jenħtieġ li d-*data* personali pproċessata fil-qafas ta' dan ir-Regolament tiġi ttrattata f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolamenti (UE) 2016/679 ([11]) u (UE) 2018/1725 ([12]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Sabiex jiġi żgurat l-issodisfar tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li *data* personali ma tinħażinx għal aktar minn 5 snin wara li tasal id-*data* rilevanti. Fil-każ li d-*data* personali inkwistjoni tkun meħtieġa għas-segwitu tal-ilmenti, il-ksur, il-proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu jistgħu jżommu ċerta *data* sa tmiem il-proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji kkonċernati jew għaż-żmien meħtieġ għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti salvagwardji b'mod partikolari kontra l-użu ħażin, inkluż il-qerda aċċidentali jew illegali jew it-telf aċċidentali, it-tibdil, id-divulgazzjoni jew l-aċċess mhux awtorizzati f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725.

(15) Sabiex jiġu implimentati malajr fil-liġi tal-Unjoni rakkomandazzjonijiet futuri tal-NEAFC li jemendaw jew li jissupplimentaw dawk imsemmija f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) fir-rigward tal-emendar tad-dispożizzjonijiet dwar il-proċeduri għan-notifika ta' punti ta' kuntatt, it-trażmissjoni ta' notifiki u awtorizzazzjonijiet ta' bastimenti tas-sajd, il-komunikazzjonijiet tat-trażbordi, il-komunikazzjonijiet lis-Segretarjat tal-NEAFC, ir-rapportar globali tal-qbid u tal-isforz tas-sajd, in-notifika tal-eżerċizzju ta' bastimenti u ta' inġenji tal-ajru ta' spezzjoni, in-notifiki ta' ksur, is-sorveljanza, u n-notifika ta' ksur; ir-rekwiżiti għall-pjanijiet ta' stivar, il-lista ta' riżorsi regolati, l-ispeċijiet indikaturi tal-ekosistema marina vulnerabbli (VME), il-koordinati taż-żoni eżistenti tas-sajd tal-qiegħ, il-miżuri tekniċi applikabbli fiż-Żona Regolatorja; l-elementi tad-*data* tal-messaġġi, il-ġurnal ta' abbord tal-produzzjoni, il-ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku u r-rapporti tal-port tal-iżbark; il-formati tat-trażmissjoni tad-*data*, il-proċeduri għaċ-ċentri ta' monitoraġġ tas-sajd biex jivvalidaw il-messaġġi manwalment; l-elementi tad-*data* għan-notifika tal-pjattaformi tal-ispettur u tal-ispezzjoni, l-attivitajiet ta' sorveljanza u r-rapporti ta' sorveljanza u ta' osservazzjoni; il-mudelli tar-rapport tal-ispezzjoni, ir-regoli dwar il-kostruzzjoni u l-użu ta' slielem tal-imbark, l-elementi tad-*data* tan-notifika tad-dežinjazzjoni tal-portijiet; u l-mudelli tal-formoli ta' kontroll tal-Istat tal-port.

([10]) Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 (ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1).

([11]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([12]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

(16) Sabiex jiġu implimentati malajr fil-liġi tal-Unjoni miżuri futuri approvati mill-Unjoni u minn Stati kostali oħra tal-Grigal tal-Atlantiku f'konsultazzjonijiet relatati mal-kontroll ta' ċertu sajd pelaġiku, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 TFUE fir-rigward tal-emendar tad-dispożizzjonijiet dwar ir-restrizzjonijiet għall-bastimenti pelaġiċi fuq il-ġestjoni u r-rilaxx tal-qabdiet, id-derogi dwar il-projbizzjoni tal-użu ta' tagħmir ta' tqassim awtomatiku u d-dispożizzjonijiet dwar it-tbegħid.

(17) Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([13]).B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(18) Il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-NEAFC applikabbli fiż-Żona Regolatorja ġew implimentati l-aħħar fil-liġi tal-Unjoni permezz tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1899/85 ([14]) u (KEE) Nru 1638/87 ([15]), kif ukoll l-Anness XII tar-Regolament (UE) 2019/1241. Fl-interess taċ-ċarezza, tas-simplifikazzjoni u taċ-ċertezza tad-dritt, jenħtieġ li r-Regolamenti (KEE) Nru 1899/85 u (KEE) Nru 1638/87 u l-Artikolu 5, il-punt (h), u l-Kapitolu VI u l-Anness XII tar-Regolament (UE) 2019/1241 jitħassru u jiġu sostitwiti bid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

(19) Għall-istess raġunijiet, jenħtieġ li l-Artikoli 54b u 54c tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([16]) li fihom ċerti miżuri ta' kontroll għas-sajd pelaġiku jitħassru u jiġu ssostitwiti bid-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament.

(20) Il-miżuri ta' kontroll tal-NEAFC ġew implimentati l-aħħar fil-liġi tal-Unjoni permezz tar-Regolament (UE) Nru 1236/2010. Għaldaqstant, jenħtieġ li dak ir-Regolament jitħassar u jiġi sostitwit b'dan ir-Regolament.

(21) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament:

(a) jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni u jimplimenta fil-liġi tal-Unjoni l-emendi għall-Iskema ta' Kontroll u Infurzar adottata mill-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal ("l-Iskema tal-NEAFC");

([13]) Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

([14]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1899/85 tat-8 ta' Lulju 1985 li jistabbilixxi daqs minimu ta' toqob għal xbieki użati waqt sajd għall-capelin f'dik il-parti taż-żona tal-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni multilaterali futura dwar is-aajd fl-Atlantiku tal-Grigal li jestendi 'l hinn mill-ibħra li jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni tas-sajd tal-Partijiet Kontraenti tal-Konvenzjoni (ĠU L 179, 11.7.1985, p. 2).

([15]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1638/87 tad-9 ta' Ġunju 1987 li jistabbilixxi d-daqs minimu tat-toqob ta' gangmi pelaġiċi użati fis-sajd ta' msell ikħal f'dik il-parti taż-żona koperta bil-Konvenzjoni ta' Kooperazzjoni Multilaterali Futura fis-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal li testendi 'l hinn mill-ibħra marittimi li jaqgħu fil-ġuriżdizzjoni tas-sajd tal-Partijiet Kontraenti għall-Konvenzjoni (ĠU L 153, 13.6.1987, p. 7).

([16]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

(b) jistabbilixxi miżuri għal ċertu sajd pelaġiku fiż-Żona tal-Konvenzjoni u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-żona tal-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant (CECAF), kif speċifikat fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([17]); u

(c) jemenda ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (KE) Nru 1224/2009 u (UE) 2019/1241.

2. Dan ir-Regolament japplika minkejja l-obbligi stabbiliti fir-regolamenti eżistenti fis-settur tas-sajd, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 ([19]) u r-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

TITOLU II

MIŻURI TAL-NEAFC

KAPITOLU I

KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

It-Titolu II ta' dan ir-Regolament japplika għal:

(a) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fiż-Żona Regolatorja taħt l-awspiċji tal-NEAFC;

(b) bastimenti tal-Unjoni b'qabdiet abbord miż-Żona tal-Konvenzjoni, fejn issir referenza speċifika għalihom; u

(c) bastimenti ta' pajjiżi terzi b'qabdiet abbord miż-Żona tal-Konvenzjoni fl-ilmijiet jew fil-portijiet tal-Unjoni, fejn issir referenza speċifika għalihom.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan ir-Regolament. Japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "NEAFC" tfisser il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal;

(2) "Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni multilaterali fil-ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal ([20]);

(3) "Żona tal-Konvenzjoni" tfisser iż-żoni:

(a) f'dawk il-partijiet tal-Oċeani Atlantiku u Arktiku u l-ibħra dipendenti tagħhom, li jaqgħu fit-Tramuntana tal-latitudni 36° Tramuntana u bejn il-lonġitudni 42° Punent u l-lonġitudni 51° Lvant, imma jeskludu:

(i) il-Baħar Baltiku u l-Belts li jiġu fin-Nofsinhar u fil-Lvant ta' linji mpinġija minn Hasenore Head sa Gniben Point, minn Korshage sa Spodsbierg u minn Gilbierg Head sal-Kullen; u

([17]) Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f'ċerti żoni li mhumiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1).

([18]) Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

([19]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

([20]) ĠU L 227, 12.8.1981, p. 22.

(ii) il-Baħar Mediterran u l-ibħra dipendenti tiegħu sal-ponta ta' intersezzjoni tal-parallel ta' latitudni 36° Tramuntana u l-meridjan tal-lonġitudni 5°36′ Punent;

(b) f'dik il-parti tal-Oċean Atlantiku fit-Tramuntana tal-latitudni 59° Tramuntana u bejn il-lonġitudnijiet 44° Punent u 42° Punent;

(4) "Żona Regolatorja" tfisser l-ilmijiet taż-Żona tal-Konvenzjoni li jinsabu barra mill-ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tas-sajd tal-Partijiet Kontraenti;

(5) "Partijiet Kontraenti" tfisser il-partijiet kontraenti għall-Konvenzjoni;

(6) "ekosistemi marini vulnerabbli" jew "VMEs" tfisser l-ekosistemi tal-baħar identifikati permezz tal-kriterji fil-paragrafi 42 u 43 tal-Linji Gwida Internazzjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fil-Fond fl-Ibħra Internazzjonali tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO);

(7) "riżorsi regolati" tfisser ir-riżorsi tas-sajd li huma soġġetti għar-rakkomandazzjonijiet skont il-Konvenzjoni u huma elenkati fl-Anness I;

(8) "speċijiet indikaturi ta' VME" tfisser l-ispeċijiet li jindikaw l-okkorrenza ta' VMEs, kif speċifikat fl-Anness II;

(9) "sajd tal-qiegħ" tfisser l-użu ta' rkaptu tas-sajd li x'aktarx imiss qiegħ il-baħar matul il-perkors normali tal-operazzjonijiet tas-sajd;

(10) "żoni eżistenti tas-sajd tal-qiegħ" tfisser il-porzjon taż-Żona Regolatorja fejn seħħ is-sajd tal-qiegħ fil-perjodu bejn l-1987 u l-2007, kif definit mill-koordinati stabbiliti fl-Anness III;

(11) "sajd esploratorju tal-qiegħ" tfisser is-sajd tal-qiegħ kummerċjali kollu fiż-żoni ristretti tas-sajd tal-qiegħ jew, jekk ikun hemm bidliet sinifikanti fit-twettiq u fit-teknoloġija tas-sajd tal-qiegħ, fiż-żoni eżistenti tas-sajd tal-qiegħ;

(12) "attivitajiet tas-sajd" tfisser sajd, inkluż operazzjonijiet konġunti tas-sajd, operazzjonijiet tal-ipproċessar tal-ħut, it-trażbord jew l-iżbark ta' riżorsi tas-sajd jew prodotti tagħhom u kwalunkwe attività kummerċjali oħra bi tħejjija għas-sajd jew relatata miegħu, inkluż l-imballaġġ, it-trasport, ir-riforniment jew il-provvista mill-ġdid;

(13) "bastiment tas-sajd" tfisser kwalunkwe bastiment użat jew maħsub għall-iskop tal-isfruttar kummerċjali tar-riżorsi tas-sajd, inkluż bastimenti għall-ipproċessar tal-ħut u bastimenti involuti fit-trażbord;

(14) "sejba" tfisser il-qabda ta' speċijiet indikaturi ta' VME 'l fuq mil-livelli limitu li ġejjin:

(a) għal ġbid ta' xbieki tat-tkarkir u l-irkaptu tas-sajd minbarra l-konzijiet: il-preżenza ta' aktar minn 30 kg ta' qroll ħaj u/jew ta' 400 kg ta' sponża ħajja; u

(b) għal sett ta' konz: il-preżenza ta' speċijiet indikaturi ta' VME fuq 10 snanar għal kull 1 000 segment ta' sunnara jew għal kull sezzjoni ta' 1 200 m ta' konz, skont liema jkun l-iqsar;

(15) "VMS" tfisser sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti tas-sajd li tipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti b'*data* f'intervalli regolari dwar il-pożizzjoni, ir-rotta u l-veloċità tal-bastiment tas-sajd;

(16) "rapport" tfisser l-informazzjoni standardizzata relatata mal-attivitajiet tas-sajd irreġistrata b'mezzi elettroniċi;

(17) "Segretarjat tal-NEAFC" tfisser is-Segretarju tal-NEAFC u persunal ieħor maħtur mill-NEAFC f'konformità mal-Artikolu 3(7) tal-Konvenzjoni;

(18) "impatti negattivi sinifikanti" tfisser l-impatti msemmija fil-paragrafi 17 sa 20 tal-Linji Gwida Internazzjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fil-Fond fl-Ibħra Internazzjonali tal-FAO;

(19) "riżorsi tas-sajd" tfisser ir-riżorsi ta' ħut, molluski u krustaċji, u inkluż l-ispeċijiet sedentarji, minbarra, għar-raġuni li jiġu ttrattati fi ftehimiet internazzjonali oħra, speċijiet migratorji ħafna elenkati fl-Anness I tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982, u stokkijiet anadromiċi;

(20) "messaġġ" tfisser il-formola standardizzata li permezz tagħha jiġu skambjati rapporti bejn il-Partijiet Kontraenti u s-Segretarjat tal-NEAFC jew bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni;

(21) "Numru tal-IMO" tfisser numru b'seba' ċifri allokat mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) jew kwalunkwe aġenzija oħra li tkun inġħatat dik l-awtorità fil-ħin tal-kostruzzjoni jew meta bastiment jiġi inkluż għall-ewwel darba fir-reġistru tal-IMO tal-bastimenti;

(22) "ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku" tfisser ir-rekord permezz ta' mezzi elettroniċi tad-dettalji tal-attività tas-sajd irreġistrati mill-kaptan ta' bastiment tas-sajd u trażmessi lill-Istat tal-bandiera min-notifika minn qabel tad-dħul fiż-Żona Regolatorja sal-ħruġ miż-Żona Regolatorja;

(23) "FMC" tfisser ċentru tal-monitoraġġ tas-sajd li jinsab fuq l-art tal-Istat tal-bandiera;

(24) "notifika minn qabel" tfisser rapport dwar l-intenzjoni li titwettaq attività fil-futur;

(25) "vjaġġ tas-sajd" tfisser, fir-rigward tal-attivitajiet tas-sajd fiż-Żona Regolatorja, kwalunkwe vjaġġ ta' bastiment tas-sajd li matulu jitwettqu attivitajiet tas-sajd mill-ħin tad-dħul sal-ħruġ tiegħu miż-Żona Regolatorja;

(26) "dikjarazzjoni" tfisser rapport ta' attività tas-sajd li tkun qed isseħħ jew li tkun saret fil-ħin tar-reġistrazzjoni u t-trażmissjoni tagħha;

(27) "operazzjoni ta' trażbord" tfisser it-trasferiment dirett ta' kwalunkwe kwantità ta' riżorsi tas-sajd jew prodotti tagħhom miżmuma abbord minn bastiment tas-sajd għal ieħor;

(28) "EFCA" tfisser l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd stabbilita bir-Regolament (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([21]);

(29) "port" tfisser kwalunkwe post fuq ix-xatt li jintuża għall-ħatt l-art jew għall-forniment ta' servizzi fir-rigward ta' attivitajiet tas-sajd, jew b'appoġġ għalihom, jew post fuq jew qrib ix-xatt magħżul minn Parti Kontraenti għat-trażbord tar-riżorsi tas-sajd;

(30) "operazzjoni konġunta tas-sajd" tfisser kwalunkwe operazzjoni bejn żewġ bastimenti jew aktar fejn il-qabda titneħħa mit-tagħmir tas-sajd ta' bastiment tas-sajd għal ieħor;

(31) "*data* elettronika" tfisser id-dokumenti, ir-rapporti, il-messaġġi u l-formoli kollha trażmessi u riċevuti b'mod elettroniku skont id-dispożizzjonijiet tal-Iskema tal-NEAFC;

(32) "żoni magħluqa għas-sajd tal-qiegħ" tfisser żoni magħluqa għas-sajd tal-qiegħ għall-protezzjoni tal-VMEs fiż-Żona Regolatorja, kif speċifikat fil-punt 8 tal-Anness IV;

(33) "bastiment ta' Parti mhux Kontraenti" tfisser kwalunkwe bastiment involut f'attivitajiet tas-sajd li la jtajjar il-bandiera ta' Parti Kontraenti u lanqas ta' Parti mhux Kontraenti li tikkoopera b'mod attiv mal-NEAFC, jew kwalunkwe bastiment tas-sajd li fir-rigward tiegħu teżisti bażi raġonevoli ta' suspett li jkun mingħajr nazzjonalità;

(34) "sajd IUU" tfisser kwalunkwe attività ta' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punti (1) sa (4), tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(35) "numru CFR" tfisser in-numru ta' identifikazzjoni uniku tal-bastiment fil-flotta tas-sajd tal-Unjoni, irrispettivament minn kwalunkwe numru ta' flotta tas-sajd nazzjonali u kif imsemmi fl-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 ([22]).

KAPITOLU II

MIŻURI TA' KONSERVAZZJONI

Artikolu 4

Miżuri għall-protezzjoni tal-VMEs

1. Huwa pprojbit li jsir tkarkir tal-qiegħ u sajd b'irkaptu statiku, inkluż għeżula tal-qiegħ u konzijiet tal-qiegħ, barra miż-żoni eżistenti tas-sajd tal-qiegħ elenkati fl-Anness III. Dan il-paragrafu ma japplikax għall-attivitajiet tas-sajd esploratorju tal-qiegħ kif imfissra fl-Artikolu 5.

([21]) Ir-Regolament (UE) 2019/473 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 18).

([22]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/218 tas-6 ta' Frar 2017 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni (ĠU L 34, 9.2.2017, p. 9).

2. Huwa pprojbit li jsir tkarkir tal-qiegħ u sajd b'irkaptu statiku, inkluż għeżula tal-qiegħ u konzijiet tal-qiegħ, fiż-żoni elenkati fil-punt 8 tal-Anness IV.

3. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni li jwettaq sajd tal-qiegħ għandu jikkwantifika l-qabdiet tal-ispeċijiet indikaturi ta' VME. Meta l-kwantità tal-ispeċijiet indikaturi ta' VME tammonta għal sejba f'operazzjoni tas-sajd, il-kaptan għandu:

(a) jekk is-sejba tiġi skoperta b'rabta mal-ġbid ta' xbieki tat-tkarkir, jieqaf mis-sajd u joħroġ minn żona ddefinita bħala medda wiesgħa żewġ mili nawtiċi (poligonu) fuq iż-żewġ naħat tal-mogħdija tal-kalati tat-tkarkir li matulhom tkun seħħet is-sejba; il-mogħdija hija ddefinita bħala l-linja li tgħaqqad pożizzjonijiet konsekuttivi tal-VMS, issupplimentata bl-informazzjoni dwar il-pożizzjonament l-aktar preċiża disponibbli, bejn il-bidu u t-tmiem tal-irmonk, estiża b'żewġ mili nawtiċi fiż-żewġ truf;

(b) jekk is-sejba tiġi skoperta b'rabta ma' rkaptu ieħor tas-sajd tal-qiegħ, jieqaf mis-sajd u jitbiegħed mill-inqas żewġ mili nawtiċi mill-pożizzjoni li l-evidenza tissuġġerixxi li tkun l-eqreb tal-post eżatt tas-sejba.

4. Il-kaptan għandu juża s-sorsi ta' informazzjoni disponibbli kollha u jirrapporta mingħajr dewmien lill-Istat Membru tal-bandiera d-dettalji tal-inċident, inkluż il-mogħdija jew il-pożizzjoni ddeterminata skont il-paragrafu 3, punti (a) u (b).

5. L-akkuratezza tal-informazzjoni rrappurtata lill-Istat Membru tal-bandiera għandha tkun ir-responsabbiltà tal-kaptan.

6. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jibgħat mingħajr dewmien id-dettalji tal-inċident lill-Kummissjoni, li għandha tgħaddi din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-NEAFC.

7. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jirrispettaw l-għeluq temporanju fiż-żoni identifikati u kkomunikati mill-NEAFC wara informazzjoni dwar sejbiet ta' VMEs possibbli sakemm is-Segretarjat tal-NEAFC jinnotifika l-ftuħ mill-ġdid ta' dawk iż-żoni.

Artikolu 5

Attivitajiet tas-sajd esploratorju tal-qiegħ

1. L-attivitajiet tas-sajd esploratorju tal-qiegħ għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni minn qabel mill-Kumitat Permanenti dwar il-Ġestjoni u x-Xjenza (PECMAS) tal-NEAFC u mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES).

2. L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom ikunu jixtiequ jinvolvu ruħhom f'sajd esploratorju tal-qiegħ għandhom jiġbru d-*data* meħtieġa għal valutazzjoni minn qabel mill-PECMAS u mill-ICES u jippreżentaw b'mezzi elettroniċi lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja għall-fini tal-evalwazzjoni tat-talbiet għal sajd esploratorju:

(a) pjan ta' ħsad, li jiddeskrivi l-ispeċijiet fil-mira, id-dati u ż-żoni proposti u t-tip ta' rkaptu tas-sajd tal-qiegħ li għandu jintuża; għandhom jiġu kkunsidrati r-restrizzjonijiet taż-żoni u tal-isforzi biex jiġi żgurat li s-sajd iseħħ fuq bażi gradwali f'żona ġeografika limitata;

(b) pjan ta' mitigazzjoni, inkluż miżuri għall-prevenzjoni ta' impatt negattiv sinifikanti fuq VMEs li jistgħu jinstabu matul l-attivitajiet tas-sajd;

(c) pjan ta' monitoraġġ tal-qbid, li jinkludi r-reġistrazzjoni u r-rapportar tal-ispeċijiet maqbuda kollha;

(d) sistema għar-reġistrazzjoni u r-rapportar tal-qabdiet li tippermetti valutazzjoni dettaljata biżżejjed tal-attività;

(e) pjan ta' ġbir tad-*data* fuq skala fina dwar id-distribuzzjoni tal-irmonk u s-sett maħsuba, sa fejn ikun prattikabbli fuq bażi ta' rmonk bi rmonk u sett b'sett;

(f) pjan għall-ġbir tad-*data* biex tiġi ffaċilitata l-identifikazzjoni tal-VMEs fiż-żona fejn ikunu saru l-attivitajiet tas-sajd;

(g) pjanijiet għall-monitoraġġ tas-sajd tal-qiegħ, permezz tat-teknoloġija ta' monitoraġġ tal-irkaptu, inklużi l-kameras, jekk ikun prattikabbli;

(h) *data* minn programmi ta' mmappjar ta' qiegħ il-baħar, ekosondi u, jekk ikun prattikabbli, ekosondi b'ħafna raġġi, u *data* oħra rilevanti għall-valutazzjoni preliminari tar-riskju ta' impatti negattivi sinifikanti fuq il-VMEs; u

(i) valutazzjoni preliminari tal-impatti magħrufa u antiċipati tas-sajd tal-qiegħ propost li tindirizza, fost l-oħrajn:

(i) pjan ta' ħsad li jinkludi t-tip ta' sajd imwettaq jew ikkontemplat, inklużi bastimenti u tipi ta' rkaptu, żoni tas-sajd, speċijiet fil-mira u speċijiet ta' qabdiet aċċessorji potenzjali, livelli tal-isforzi tas-sajd u tul ta' ħin tas-sajd;

(ii) l-aħjar informazzjoni xjentifika u teknika disponibbli dwar l-istat kurrenti tar-riżorsi tas-sajd u l-informazzjoni ta' bażi dwar l-ekosistemi, il-ħabitats u l-komunitajiet fiż-żona tas-sajd, li magħhom għandhom jitqabblu l-bidliet futuri;

(iii) l-identifikazzjoni, id-deskrizzjoni u l-immappjar (il-post ġeografiku u l-firxa) tal-VMEs magħrufa jew li x'aktarx iseħħu fiż-żona tas-sajd;

(iv) l-identifikazzjoni, id-deskrizzjoni u l-evalwazzjoni tal-okkorrenza, tal-karattru, tal-iskala u tad-durata tal-impatti probabbli, inklużi l-impatti kumulattivi tas-sajd propost fuq il-VMEs fiż-żona tas-sajd;

(v) id-*data* u l-metodi użati biex jiġu identifikati, deskritti u vvalutati l-impatti tal-attività, l-identifikazzjoni tal-lakuni fl-għarfien, u evalwazzjoni tal-inċertezzi fl-informazzjoni ppreżentata fil-valutazzjoni;

(vi) valutazzjoni tar-riskju tal-impatti probabbli kkawżati mill-operazzjonijiet tas-sajd biex jiġi ddeterminat liema impatti fuq il-VMEs x'aktarx ikollhom impatti negattivi sinifikanti jew jimplikaw dan; u

(vii) l-informazzjoni li tinsab fil-pjan ta' mitigazzjoni dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni u ta' ġestjoni li għandha tintuża għall-prevenzjoni ta' impatti negattivi sinifikanti fuq il-VMEs u l-miżuri li għandhom jintużaw għall-monitoraġġ tal-effetti tal-operazzjonijiet tas-sajd.

3. L-Istat Membru tal-bandiera għandu:

(a) jibgħat it-talba għal valutazzjoni minn qabel tal-attivitajiet tas-sajd esploratorju tal-qiegħ u l-informazzjoni ta' akkumpanjament lill-Kummissjoni mill-inqas seba' xhur qabel il-bidu propost tas-sajd;

(b) jiżgura li l-bastimenti tas-sajd tiegħu li jipparteċipaw f'sajd esploratorju tal-qiegħ ikollhom osservatur xjentifiku abbord, li għandu:

(i) jimmonitorja kwalunkwe sett għall-evidenza tal-preżenza ta' VMEs u jidentifika l-qroll, l-isponoż u organiżmi oħra sal-aktar livell tassonomiku baxx possibbli;

(ii) jirreġistra fuq folji tad-*data* l-informazzjoni li ġejja għall-identifikazzjoni tal-VMEs: l-isem tal-bastiment, it-tip tal-irkaptu, id-data, il-pożizzjoni (latitudni/lonġitudni), il-fond, il-kodiċi tal-ispeċijiet, in-numru tal-vjaġġ, in-numru tas-sett, u l-isem ta' dak l-osservatur; u

(iii) jiġbor, jekk ikun meħtieġ, kampjuni rappreżentattivi mill-qabda kollha u jipprovdi l-kampjuni lill-korp xjentifiku rilevanti tal-Istat Membru tal-bandiera;

(c) jawtorizza l-bidu tas-sajd esploratorju tal-qiegħ biss wara li l-attivitajiet ikunu ġew approvati mill-NEAFC; u

(d) jipprovdi rapport tar-riżultati, inkluż *data* xjentifika rilevanti, tal-attivitajiet tas-sajd esploratorju tal-qiegħ lill-ICES u lill-Kummissjoni, li għandhom jibagħtuh lis-Segretarjat tal-NEAFC.

4. Il-Kummissjoni għandha tibgħat it-talba u l-informazzjoni ta' akkumpanjament lis-Segretarjat tal-NEAFC mingħajr dewmien.

5. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom:

(a) jibdew is-sajd esploratorju tal-qiegħ biss wara li l-attività tkun ġiet approvata mill-NEAFC u awtorizzata mill-Istat Membru tal-bandiera; u

(b) ikollhom osservatur xjentifiku abbord matul l-attivitajiet tas-sajd esploratorju tal-qiegħ.

Artikolu 6

Miżuri tekniċi u ta' konservazzjoni oħrajn fiż-Żona Regolatorja

Il-miżuri tekniċi u miżuri oħra ta' konservazzjoni applikabbli fiż-Żona Regolatorja huma stabbiliti fil-punti 1 sa 7 tal-Anness IV.

KAPITOLU III

MIŻURI TA' KONTROLL U INFURZAR

TAQSIMA 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 7

Dežinjazzjoni ta' punti ta' kuntatt

1. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw punti ta' kuntatt biex jirċievu rapporti ta' sorveljanza u spezzjoni u *data* f'konformità mal-Artikoli 17, 22 u 23, l-Artikolu 33(4) u l-Artikolu 35(1), u punt ta' kuntatt biex jirċievu notifiki u joħorġu awtorizzazzjonijiet f'konformità mal-Artikoli 28 u 29.

2. Id-dežinjazzjoni tal-punti ta' kuntatt għandha tinkludi, kif xieraq, in-numru tat-telefon, l-indirizz tal-posta elettronika, in-numru tal-fax u, meta l-Iskema tal-NEAFC tipprevedi l-użu ta' applikazzjoni online fuq is-sit web tal-NEAFC, l-isem, l-organizzazzjoni, it-titolu tal-impjieg, ir-rwol fi ħdan l-organizzazzjoni u l-indirizz elettroniku individwali.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-punti ta' kuntatt dežinjati tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1 u bi kwalunkwe bidla sussegwenti fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 mhux aktar tard minn ħmistax-il jum qabel ma jibdew japplikaw dawk il-bidliet. Il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni minnufih lis-Segretarjat tal-NEAFC.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti ta' kuntatt dežinjati biex jirċievu n-notifiki u joħorġu l-awtorizzazzjonijiet f'konformità mal-Artikoli 28 u 29 ikunu disponibbli 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa.

TAQSIMA 2

Miżuri ta' kontroll

Artikolu 8

Kontroll tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni notifikati u awtorizzati

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu b'mezzi elettroniċi lill-Kummissjoni l-informazzjoni tal-bastimenti tas-sajd kollha li jtajru l-bandiera tagħhom u li huma rreġistrati fl-Unjoni li jkunu beħsiebhom jawtorizzaw biex iwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-Żona Regolatorja. Dik l-informazzjoni għandha tintbagħat sal-15 ta' Diċembru ta' kull sena għas-sena ta' wara jew fi kwalunkwe każ qabel id-dħul tal-bastiment fiż-Żona Regolatorja.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u kwalunkwe bidla fiha għandhom jinkludu d-*data* rilevanti għan-notifika, l-awtorizzazzjoni, l-irtirar, il-limitazzjoni jew is-sospensjoni tal-messaġġi stabbiliti fl-Anness V.

3. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi mingħajr dewmien l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 lis-Segretarjat tal-NEAFC.

4. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx iwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-Żona Regolatorja taħt il-mandat tal-Konvenzjoni sakemm ma jkunux elenkati bħala bastimenti nnotifikati tal-NEAFC u, fil-każ ta' attivitajiet tas-sajd imwettqa fuq riżorsi regolati, bħala bastimenti awtorizzati biex jistadu għal dawk ir-riżorsi regolati.

5. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom:

(a) jawtorizzaw lill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom għal attivitajiet tas-sajd biss meta jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv ir-responsabbiltajiet tagħhom tal-Istat tal-bandiera fir-rigward ta' tali bastimenti;

(b) jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd awtorizzati li jtajru l-bandiera tagħhom biss iwettqu attivitajiet tas-sajd fuq riżorsi regolati;

(c) jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd notifikati u awtorizzati li jtajru l-bandiera tagħhom jikkonformaw mar-rakkomandazzjonijiet applikabbli adottati mill-NEAFC u ma' dan ir-Regolament; u

(d) jimpenjaw ruħhom li jimmaniġġaw l-għadd ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati u l-isforz tas-sajd tagħhom proporzjonat għall-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għal dak l-Istat Membru.

6. L-informazzjoni li ġejja dwar il-listi ta' bastimenti tas-sajd notifikati u awtorizzati biex jistadu fiż-Żona Regolatorja tista' ssir disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-NEAFC:

(a) l-isem tal-bastiment;

(b) in-numru IMO jew, jekk mhux applikabbli, identifikatur uniku ieħor tal-bastiment;

(c) l-istat tal-bandiera;

(d) in-numru tar-reġistrazzjoni esterna (fejn ikun disponibbli);

(e) is-sinjal tas-sejħa internazzjonali bir-radju;

(f) it-tip ta' bastiment (fejn ikun disponibbli);

(g) it-tunnellaġġ tal-bastiment;

(h) it-tul tal-bastiment;

(i) il-potenza tal-magna tal-bastiment; u

(j) ir-riżorsi regolati awtorizzati, kif ukoll id-*data* tal-bidu u d-*data* tat-tmiem tal-awtorizzazzjoni.

7. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor, il-bastimenti ta' riċerka tal-Unjoni li jwettqu riċerka xjentifika dwar ir-riżorsi tas-sajd fiż-Żona Regolatorja ma għandhomx ikunu marbuta b'miżuri ta' konservazzjoni u ta' kontroll relatati mas-sajd fiż-Żona Regolatorja.

L-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-bastimenti ta' riċerka li jikkummerċjalizzaw il-qabda kollha, jew parti minnha, miksuba matul l-attivitajiet ta' riċerka fiż-Żona Regolatorja. Dawk il-bastimenti għandhom jiġu nnotifikati f'konformità mal-paragrafu 1 u għandhom jikkonformaw mal-obbligi dwar ir-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni u rapportar applikabbli għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni.

Artikolu 9

Rekwiżiti għall-bastimenti

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jiġu mmarkati b'tali mod li jkunu jistgħu jiġu identifikati faċilment f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 ([23]).

2. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandu jkollhom abbord dokumenti maħruġa mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni xierqa tal-Istat Membru tal-bandiera li fih ikunu rreġistrati li juru mill-inqas l-elementi tad-*data* li ġejjin:

(a) l-isem tal-bastiment;

(b) l-ittra/i tal-port jew distrett li fih ikun irreġistrat, u n-numru/i li taħthom ikun irreġistrat;

(c) is-sinjal tas-sejħa internazzjonali bir-radju;

(d) in-numru tal-IMO jekk ikun soġġett għar-Riżoluzzjoni A.1078(28) tal-IMO jew, jekk mhux applikabbli, identifikatur uniku ieħor tal-bastiment;

(e) l-ismijiet u l-indirizzi tas-sid u, fejn rilevanti, tan-noleġġaturi;

(f) it-tul tal-bastiment; u

([23]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1).

(g) is-saħħa tal-magna f'kW/potenza ta' żwiemel.

3. Id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 7(2) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011 għandhom jiġu vverifikati f'intervalli regolari mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera.

Artikolu 10

Immarkar tal-irkaptu

1. L-irkaptu tas-sajd użat mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-Żona Regolatorja għandu jkun immarkat f'konformità mal-Artikoli 8 sa 17 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011 u mal-istandards internazzjonali ġeneralment aċċettati, b'mod partikolari l-Konvenzjoni dwar it-Twettiq tal-Ħidmiet tas-Sajd fl-Atlantiku tat-Tramuntana, iffirmata f'Londra fl-1 ta' Ġunju 1967.

2. Għandu jkun ipprojbit li jintuża rkaptu tas-sajd li ma jkunx immarkat, jekk ikun meħtieġ l-immarkar, jew jekk l-immarkar ma jissodisfax ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1. L-ispetturi tas-sajd tal-NEAFC jistgħu jneħħu u jarmu rkaptu tas-sajd b'immarkar mhux konformi, kif ukoll ħut li jinstab fl-irkaptu.

Artikolu 11

Skart mill-bastimenti tas-sajd u rkupru ta' rkaptu mitluf

1. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni huma pprojbiti milli jabbandunaw jew jiskartaw b'mod deliberat l-irkaptu tas-sajd u milli jarmu l-iskart mill-bastimenti kif definit fid-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([24]) fil-baħar, f'konformità mal-Anness V tal-MARPOL dwar ir-Regolamenti għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis miż-Żibel tal-Bastimenti.

2. Kwalunkwe abbandun jew rimi intenzjonat ta' rkaptu tas-sajd, u kwalunkwe rimi ta' skart minn bastimenti kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-kaptan.

3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom fi żmien 24 siegħa dwar l-informazzjoni meħtieġa msemmija fl-Artikolu 14(7) u l-Artikolu 48 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 f'dawk il-każijiet fejn l-irkaptu mitluf ma jkunx jista' jiġi rkuprat:

(a) is-sinjal tas-sejħa tal-bastiment;

(b) it-tip ta' rkaptu mitluf; u

(c) jekk il-bastiment ikunx ipprova jirkupra l-irkaptu jew le.

4. L-Istat Membru għandu jinnotifika mingħajr dewmien l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 48 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 lill-Kummissjoni, li għandha tibgħatha lis-Segretarjat tal-NEAFC.

5. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jirkupraw, fuq bażi regolari, irkaptu fiss mitluf ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom. Jekk jiġi rkuprat irkaptu li ma jkunx ġie rrappurtat bħala mitluf, l-Istat Membru jew Parti Kontraenti oħra li tkun irkuprat l-irkaptu tista' tiġbor lura l-ispiża mingħand il-kaptan tal-bastiment li jkun tilef l-irkaptu.

Artikolu 12

Tikkettar tal-ħut iffriżat

Meta jiġi ffriżat, il-ħut kollu li jinqabad fiż-Żona tal-Konvenzjoni għandu jiġi identifikat b'tikketta jew timbru li jkun jista' jinqara b'mod ċar. It-tikketta jew it-timbru għandhom jitqiegħdu fuq kull kaxxa jew blokka ta' ħut iffriżat fil-ħin tal-istivar u, għandhom jindikaw il-kodiċi 3-alfa tal-FAO tal-ispeċi, id-data tal-produzzjoni f'numri, is-subżona tal-ICES u d-diviżjoni fejn tkun ittieħdet il-qabda u l-isem tal-bastiment li jkun qabad il-ħut.

([24]) Id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li thassar id-Direttiva 2000/59/KE (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 116).

TAQSIMA 3

Monitoraġġ tas-sajd

Artikolu 13

Reġistrazzjoni tal-qabda u tal-isforz tas-sajd

1. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni involuti f'attivitajiet tas-sajd fiż-Żona Regolatorja għandhom iżommu ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku.

2. Id-*data* tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku trażmessa mill-kaptan u maħżuna fl-FMC għandha titqies bħala *data* uffiċjali. Dik id-*data* u kwalunkwe bidla fiha għandhom jiġu nnotifikati lis-Segretarjat tal-NEAFC mill-FMC mingħajr dewmien.

3. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni involuti f'attivitajiet tas-sajd li jipproċessaw jew jiffriżaw il-qabda tagħhom għandhom ukoll:

(a) jirreġistraw il-produzzjoni kumulattiva tagħhom skont l-ispeċi u l-forma tal-prodott f'ġurnal ta' abbord tal-produzzjoni f'konformità mal-Anness VI; u

(b) jaħżnu fl-istiva il-qabdiet ipproċessati kollha b'tali mod li mill-pjan tal-istivi miżmum abbord il-bastiment tas-sajd, jista' jiġi identifikat il-post fejn kull speċi tkun maħżuna f'konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

(i) qabdiet proċessati għandhom jiġu stivati u mmarkati b'tali mod li l-istess speċijiet u kategoriji tal-prodotti u l-kwantitajiet ikunu jistgħu jiġu identifikati meta jkunu stivati f'partijiet differenti tal-istiva;

(ii) il-pjan tal-istivar għandu juri l-post fejn jinsabu l-prodotti fl-istivi kif ukoll il-kwantitajiet tal-prodotti abbord iddikjarati f'kilogrammi u għandhom jiġu aġġornati kuljum għall-jum ta' qabel ikkalkolat minn 00:00 siegħa sa 24:00 siegħa Ħin Universali Koordinat (UTC); u

(iii) il-lista ta' kodiċijiet tal-forma tal-prodott, tat-tip ta' imballaġġ, it-tip ta' kontenitur u t-tip ta' pproċessar għandha tkun skont l-Anness VII.

4. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'qabda ffriżata abbord ir-riżorsi tas-sajd maqbuda fiż-Żona tal-Konvenzjoni minn aktar minn bastiment tas-sajd wieħed jistgħu jħottu l-ħut minn kull bastiment f'aktar minn parti waħda tal-istiva, sakemm il-ħut minn kull bastiment donatur ikun separat b'mod ċar (pereżempju, permezz ta' plastik, ta' plywood, ta' xbieki eċċ.) minn ħut li jinqabad minn bastimenti oħra tas-sajd. Il-qabdiet kollha meħuda miż-Żona tal-Konvenzjoni għandhom jiġu stivati separatament mill-qabdiet kollha meħuda barra minn dik iż-żona.

5. Ir-reġistrazzjonijiet fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku għandhom ikunu disponibbli għall-ispetturi abbord il-bastiment tas-sajd għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar.

6. L-elementi kollha tad-data u tal-ħin irreġistrati għandhom jiġu indikati fil-ħin UTC. Il-koordinati għandhom jiġu rrapportati fi gradi deċimali sa tliet pożizzjonijiet deċimali bl-użu tas-sistema ta' referenza tal-koordinati WGS84.

7. Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd għandu jkun responsabbli biex jiżgura li l-kwantitajiet irreġistrati f'konformità ma' dan l-Artikolu jikkorrispondu b'mod akkurat mal-kwantitajiet miżmuma abbord.

Artikolu 14

Komunikazzjoni dwar l-attivitajiet tas-sajd

1. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom:

(a) jibagħtu d-*data* tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku b'mezzi elettroniċi lill-FMC tagħhom, inkluż tal-anqas id-*data* stabbilita fl-Anness VIII li tinkludi l-qabdiet kollha meta l-bastiment ikun involva ruħu f'attivitajiet tas-sajd għar-riżorsi tas-sajd;

(b) jibagħtu notifika minn qabel tad-dħul qabel ma jidħlu fiż-Żona Regolatorja mhux aktar kmieni minn 12-il siegħa u mhux aktar tard minn sagħtejn qabel kull dħul fiż-Żona Regolatorja, filwaqt li jindikaw il-bidu tal-vjaġġ tas-sajd u jinkludu l-informazzjoni dwar il-qabda miżmuma abbord qabel id-dħul fiż-Żona Regolatorja;

(c) jibagħtu rapport ta' korrezzjoni għan-notifika minn qabel tad-dħul qabel ma jidħlu fiż-Żona Regolatorja biex jaġġornaw l-informazzjoni dwar il-qabda miżmuma abbord, id-data u l-ħin u l-pożizzjoni fil-ħin tat-trażmissjoni, jekk il-bastiment tas-sajd ikun wettaq attivitajiet tas-sajd wara li jibgħat in-notifika minn qabel tad-dħul u qabel ma jidħol fiż-Żona Regolatorja;

(d) jirreġistraw kuljum id-*data* kollha għall-operazzjonijiet kollha tas-sajd fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku u jippreżentaw dikjarazzjoni tal-operazzjoni tas-sajd lill-FMC tal-anqas kuljum u mhux aktar tard minn 23:59 UTC; f'jiem fejn ma tkun saret l-ebda operazzjoni tas-sajd jew fejn ma tkun ittieħdet l-ebda qabda, għandu jiġi trażmess rapport "xejn"; id-*data* għall-operazzjonijiet tas-sajd tista' tiġi rrapportata għal kull vjaġġ jew bħala informazzjoni ta' kuljum; kull trażmissjoni tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku għandha tinkludi informazzjoni dwar il-qabda li tkun ittieħdet fiż-Żona Regolatorja mill-aħħar komunikazzjoni tal-qabdiet;

(e) jirreġistraw u jibagħtu rapport separat għal kull irkaptu, jekk il-bastiment tas-sajd ikun uża aktar minn tip wieħed ta' rkaptu fl-istess jum;

(f) jirreġistraw l-operazzjonijiet kollha tas-sajd fiż-Żona Regolatorja fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku u jittrażmettu d-*data* lill-FMC qabel ma joħorġu miż-Żona Regolatorja jew malli jirċievu notifika ta' spezzjoni fiż-Żona Regolatorja;

(g) jibagħtu lill-FMC notifika minn qabel tal-ħruġ qabel ma joħorġu miż-Żona Regolatorja mhux aktar kmieni minn tmien sigħat u mhux aktar tard minn sagħtejn qabel kull ħruġ, inkluż il-kwantità totali abbord skont l-ispeċi; u

(h) jibagħtu rapport ta' korrezzjoni għan-notifika minn qabel tal-ħruġ qabel ma joħorġu miż-Żona Regolatorja biex jaġġornaw l-informazzjoni dwar il-qabda abbord, id-data u l-ħin u l-pożizzjoni tal-ħruġ jekk il-bastiment tas-sajd ikun wettaq attivitajiet tas-sajd wara li jibgħat in-notifika minn qabel tar-rapport tal-ħruġ u qabel ma joħroġ miż-Żona Regolatorja; barra minn hekk, il-kaptan għandu jirreġistra dawk l-attivitajiet tas-sajd fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku u jibgħat l-informazzjoni lill-FMC qabel ma jissottometti l-korrezzjoni għan-notifika minn qabel tal-ħruġ.

2. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx:

(a) jikkanċellaw notifika minn qabel ta' rapport tad-dħul wara li jidħlu fiż-Żona Regolatorja;

(b) jikkanċellaw notifika minn qabel ta' rapport tal-ħruġ wara li jkunu ħarġu miż-Żona Regolatorja;

(c) jikkanċellaw notifika minn qabel aktar minn darba;

(d) jibagħtu notifika minn qabel ġdida barra mil-limiti ta' żmien mogħtija fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (g); u

(e) jikkoreġu d-*data* rreġistrata fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku wara 12:00 UTC tal-jum wara li jkunu ġew iffinalizzati l-operazzjonijiet tas-sajd irrapportati, jew wara li jkunu telqu miż-Żona Regolatorja.

3. L-FMC jista' jaċċetta korrezzjonijiet barra mil-limiti ta' żmien partikolari f'konformità mal-Artikolu 17(7).

4. L-FMC għandu jiżgura li:

(a) id-*data* rreġistrata fil-ġurnal ta' abbord tas-sajd elettroniku tiġi kkoreġuta biss f'każijiet permessi f'dan ir-Regolament; u

(b) il-korrezzjonijiet u l-kanċellazzjonijiet kollha jiġu rreġistrati u jkunu viżibbli għal skopijiet ta' spezzjoni.

5. L-informazzjoni dwar il-qabdiet imsemmija f'dan l-Artikolu għandha tingħata f'kilogrammi ta' piż ħaj.

Artikolu 15

Komunikazzjoni u regolamentazzjoni tat-trażbordi fuq il-baħar

1. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni involuti f'operazzjonijiet ta' trażbord fuq il-baħar ta' riżorsi tas-sajd maqbuda fiż-Żona Regolatorja, irrispettivament miż-żona fejn iseħħ it-trażbord fuq il-baħar, u f'operazzjonijiet ta' trażbord li jseħħu fiż-Żona Regolatorja tar-riżorsi tas-sajd maqbuda barra miż-Żona Regolatorja, għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jikkomunikaw lill-FMC tagħhom ir-rapporti tat-trażbordi, f'konformità mal-ispeċifikazzjoni u l-format stabbiliti fl-Anness VIII u b'mezzi elettroniċi, li jinkludu l-kwantitajiet li jkunu ġew mgħobbija u li jkunu nħattu għal kull trażbord; il-kaptan ta' bastiment tas-sajd donatur tal-Unjoni għandu jibgħat rapport ta' notifika ta' trażbord tad-donatur mhux inqas minn 24 siegħa qabel il-bidu tat-trażbord; il-kaptan ta' bastiment tas-sajd riċevitur tal-Unjoni għandu jagħmel rapport ta' dikjarazzjoni ta' trażbord tar-riċevitur mhux aktar tard minn siegħa wara tmiem it-trażbord; u r-rapporti għandhom jinkludu d-data, il-ħin, il-pożizzjoni ġeografika tat-trażbord ippjanat u l-piż totali sal-eqreb kilogramma skont l-ispeċijiet li jridu jinħattu jew li jkunu ġew mgħobbija f'kilogrammi u l-identifikazzjoni tal-bastimenti li lejhom jew minnhom jiġu trażbordati l-kwantitajiet, rispettivament;

(b) l-operazzjonijiet ta' trażbord jistgħu jibdew biss wara li jkunu ngħataw l-awtorizzazzjonijiet mill-Istat Membru jew mill-Parti Kontraenti tal-bandiera tal-bastiment riċevitur u, fil-każ ta' bastimenti riċevituri tal-Unjoni, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jibgħat l-awtorizzazzjoni għat-trażbord mingħajr dewmien lis-Segretarjat tal-NEAFC, b'kopja lill-Kummissjoni u lill-EFCA; u

(c) mingħajr preġudizzju għat-Taqsima 5, wara li bastiment tas-sajd riċevitur tal-Unjoni jkun involut f'operazzjoni ta' trażbord fuq il-baħar li tkun tinvolvi riżorsi tas-sajd maqbuda fiż-Żona Regolatorja, jew f'operazzjoni ta' trażbord fiż-Żona Regolatorja ta' riżorsi tas-sajd maqbuda barra miż-Żona Regolatorja, il-kaptan ta' dak il-bastiment għandu jibgħat rapport ta' notifika dwar il-port tal-ħatt l-art fil-format stabbilit fl-Anness VIII, li jindika l-qabda totali abbord, il-piż totali li għandu jinħatt l-art, l-isem tal-port u d-data u l-ħin tal-ħatt l-art, mhux inqas minn 24 siegħa qabel il-bidu ta' kwalunkwe ħatt l-art, irrispettivament minn jekk il-ħatt l-art għandux isir f'port ġewwa jew barra ż-Żona tal-Konvenzjoni.

2. Ir-rapport ta' notifika dwar it-trażbord tad-donatur ma għandux jiġi kkoreġut iżda jista' jiġi kkanċellat qabel il-bidu tal-operazzjoni ta' trażbord. Jekk rapport ta' notifika dwar it-trażbord tad-donatur jiġi kkanċellat u jintbagħat wieħed ġdid, għandhom japplikaw il-limiti ta' żmien speċifikati fil-paragrafu 1, il-punt (a).

3. Ir-rapport ta' notifika dwar il-port tal-ħatt l-art ma għandux jiġi kkoreġut iżda jista' jiġi kkanċellat. Jekk notifika dwar il-port tal-ħatt l-art tiġi kkanċellata u tintbagħat waħda ġdida, għandhom japplikaw il-limiti ta' żmien speċifikati fil-paragrafu 1, il-punt (c).

4. L-informazzjoni fir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi espressa f'kilogrammi ta' piż ħaj.

5. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx jinvolvu ruħhom f'operazzjonijiet ta' trażbord jew ta' sajd konġunt ma' bastimenti ta' Partijiet mhux Kontraenti li ma jkunux ingħataw l-istatus ta' Partijiet mhux Kontraenti attivi li jikkooperaw.

6. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni involuti f'operazzjonijiet ta' trażbord li jgħabbu l-kwantitajiet abbord ma għandhomx jinvolvu ruħhom f'xi attività oħra tas-sajd, inklużi operazzjonijiet konġunti tas-sajd, matul l-istess vjaġġ.

Artikolu 16

Sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti

1. L-Istati Membri għandhom:

(a) jistabbilixxu u joperaw FMC f'konformità mal-Artikoli 9 u 9a tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u jipprevedu proċeduri ta' riżerva u ta' rkupru f'każ ta' ħsarat fis-sistema;

(b) jimplimentaw VMS għall-bastimenti tas-sajd tagħhom li jwettqu attivitajiet tas-sajd, jew li jippjanaw li jwettqu attivitajiet tas-sajd, fiż-Żona Regolatorja;

(c) jirrikjedu li l-bastimenti tas-sajd tagħhom li jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-Żona Regolatorja jkunu mgħammra b'sistema awtonoma li tkun tista' tibgħat awtomatikament il-messaġġi lill-FMC, li tippermetti traċċar kontinwu tal-pożizzjoni tal-bastiment tas-sajd;

(d) jiżguraw li s-sistema awtonoma tippermetti lil bastiment tas-sajd jikkomunika bis-satellita mar-rapporti tal-FMC inkluża l-informazzjoni li ġejja:

(i) l-identifikazzjoni tal-bastiment;

(ii) l-aktar pożizzjoni ġeografika reċenti tal-bastiment (lonġitudni, latitudni), bi żball fil-pożizzjoni ta' inqas minn 500 m u b'intervall ta' fiduċja ta' 99 %;

(iii) id-data u l-ħin tal-iffissar tal-pożizzjoni tal-bastiment imsemmija fil-punt (ii); u

(iv) il-veloċità u r-rotta fil-ħin tal-iffissar tal-pożizzjoni tal-bastiment imsemmija fil-punt (ii).

(e) jibagħtu lis-Segretarjat tal-NEAFC ir-rapporti dwar il-pożizzjoni *hekk kif jaslu* għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom mad-dħul fiż-Żona Regolatorja jew mal-ħruġ minnha u mill-inqas darba fis-siegħa meta jkunu qed joperaw fiż-Żona Regolatorja;

(f) jikkooperaw mal-Kummissjoni, mal-EFCA u mas-Segretarjat tal-NEAFC sabiex tinżamm bażi tad-*data* li tiddelimita ż-Żona Regolatorja xierqa għall-importazzjoni tal-koordinati direttament f'Sistema ta' Informazzjoni Ġeografika. Il-bidliet f'dawk il-koordinati għandhom jiġu nnotifikati lis-Segretarjat tal-NEAFC mingħajr dewmien f'forma li tista' tinqara mill-kompjuter f'konformità mal-proċeduri deskritti fl-Anness IX, b'kopja lill-Kummissjoni u lill-EFCA. Il-koordinati għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni ta' kull Stat Membru dwar id-delimitazzjoni taż-żoni tal-baħar taħt is-sovranità u l-ġuriżdizzjoni tagħhom;

(g) jiżguraw li d-*data* tal-VMS li tasal mill-bastimenti tas-sajd tagħhom tiġi rreġistrata f'forma li tista' tinqara mill-kompjuter u tinħażen għal mill-inqas tliet snin; u

(h) fir-rigward tas-sajd tal-qiegħ fiż-Żona Regolatorja:

(i) jimplimentaw sistema awtomatika li tkun tista' timmonitorja u tidentifika s-sajd tal-qiegħ possibbli f'żoni barra miż-żoni eżistenti tas-sajd tal-qiegħ, u s-sajd possibbli f'żoni magħluqa għas-sajd tal-qiegħ; u

(ii) jiżguraw li d-delimitazzjonijiet ta' żoni magħluqa tas-sajd tal-qiegħ ikunu installati u aġġornati fil-VMS tagħhom.

2. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jiżguraw li l-apparati ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita jkunu qed jaħdmu b'mod sħiħ f'kull ħin u li l-informazzjoni fil-paragrafu 1 tintbagħat lill-FMC. Fil-każ ta' ħsara teknika jew ta' nuqqas ta' operazzjoni tal-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita installat abbord bastiment tas-sajd, l-apparat għandu jissewwa jew jiġi ssostitwit fi żmien xahar minn dak l-avveniment. Wara dak il-perjodu, għandu jkun ipprojbit li jinbeda vjaġġ tas-sajd b'apparat difettuż ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita. Meta apparat jieqaf jiffunzjona u vjaġġ tas-sajd idum aktar minn xahar, it-tiswija jew is-sostituzzjoni għandha ssir hekk kif il-bastiment jidħol f'port, u l-bastiment tas-sajd ma għandux ikun awtorizzat ikompli jew jibda vjaġġ tas-sajd mingħajr ma l-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita jkun ġie msewwi jew sostitwit.

3. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd b'apparat ta' lokalizzazzjoni tal-VMS difettuż għandu jikkomunika, mill-inqas kull erba' sigħat, rapporti li jkun fihom l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1, il-punt (d), lill-FMC f'konformità mal-format stabbilit fl-Anness X.

Artikolu 17

Komunikazzjoni lis-Segretarjat tal-NEAFC

1. L-Istati Membri għandhom jużaw sistema elettronika ta' rapportar biex jibagħtu mingħajr dewmien ir-rapporti u l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-NEAFC, b'kopja lill-Kummissjoni u lill-EFCA, li timplimenta:

(a) id-Dominju tal-Attività tas-Sajd XML Schema Definition ibbażat fuq l-istandard UN/FLUX P1000-3 konformi mad-Dokument ta' Implimentazzjoni tal-Attivitajiet tas-Sajd FLUX adottat mill-NEAFC u nnotifikat mill-Kummissjoni, biex jiġu skambjati d-*data* tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd, id-*data* ta' notifika minn qabel, id-*data* tad-dikjarazzjoni tat-trażbord, u d-*data* tad-dikjarazzjoni tal-ħatt l-art imsemmija fl-Artikoli 14 u 15;

(b) id-Dominju tal-Pożizzjoni tal-Bastiment XML Schema Definition ibbażat fuq l-istandard UN/FLUX P1000-7 konformi mad-Dokument ta' Implimentazzjoni tal-Pożizzjoni tal-Bastiment FLUX adottat mill-NEAFC u nnotifikat mill-Kummissjoni, biex tiġi rrapportata d-*data* tal-VMS imsemmija fl-Artikolu 16; u

(c) il-formati tal-iskambju tad-*data* u s-sistemi ta' komunikazzjoni tad-*data* konformi mar-regoli stabbiliti fl-Anness XI.

2. Fil-każ ta' ħsara teknika, ir-rapporti għandhom jintbagħtu lis-Segretarjat tal-NEAFC fi żmien 24 siegħa minn meta jaslu jew kif miftiehem mod ieħor mas-Segretarjat tal-NEAFC, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi fil-Linji Gwida dwar il-Kontinwità tal-Operat fis-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni tal-NEAFC.

3. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' rapportar stabbiliti fl-Artikoli 14 u 15 u fl-Artikolu 16(2) u (3). Ir-rapporti dwar l-attività tas-sajd imsemmija fl-Artikoli 14 u 15 għandhom jitqiesu bħala aċċettati biss jekk tasal konferma pożittiva mis-Segretarjat tal-NEAFC. L-FMC tal-Istat Membru tal-bandiera għandu jinforma mingħajr dewmien lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd dwar l-istatus tar-rapport li jkun irċieva s-Segretarjat tal-NEAFC.

4. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni li ma jkunx irċieva rikonoxximent pożittiv dwar rapport dwar l-attività tas-sajd mis-Segretarjat tal-NEAFC għandu minnufih jagħmel emendi xierqa u jissottometti mill-ġdid ir-rapport dwar l-attività tas-sajd lill-FMC tal-Istat Membru tal-bandiera. Jekk il-kaptan xorta ma jirċevix rikonoxximent pożittiv, jew jekk ma jkunx għadu possibbli li jiġu emendati jew jerġgħu jiġu sottomessi r-rapporti dwar l-attività tas-sajd minħabba l-limiti ta' żmien, il-kaptan għandu jikkuntattja lill-FMC tal-Istat Membru tal-bandiera biex jirċievi l-gwida meħtieġa dwar il-proċeduri ta' segwitu, biex jiġi żgurat li tiġi ppreżentata d-*data* msemmija fl-Artikoli 14 u 15.

5. Fil-każ ta' ħsarat fit-tagħmir jew nuqqasijiet fit-trażmissjoni li jipprevjenu s-sottomissjoni korretta tar-rapporti dwar l-attività tas-sajd, il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni għandu jinnotifika minnufih lill-FMC tal-Istat Membru tal-bandiera dwar problemi li jinfluwenzaw l-iskambji tad-*data* u, fejn ikun xieraq, jinforma lill-FMC tal-Istat Membru tal-bandiera dwar kwalunkwe azzjoni li tkun ittieħdet biex jiġi solvut in-nuqqas. L-FMC għandu jikkomunika l-proċeduri ta' segwitu meħtieġa lill-kaptan biex jiġi żgurat li tiġi ppreżentata d-*data* msemmija fl-Artikoli 14 u 15, jekk ikun meħtieġ, permezz ta' mezzi alternattivi.

6. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu mgħammra b'sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u ta' rapportar abbord, kompletament operattiva f'kull ħin. Fil-każ ta' ħsara teknika fis-sistema elettronika ta' reġistrazzjoni u ta' rapportar abbord bastiment tas-sajd tal-Unjoni:

(a) is-sistema għandha tissewwa jew tiġi sostitwita fi żmien xahar u hekk kif il-bastiment tas-sajd jidħol f'port, skont liema jseħħ l-ewwel; u

(b) il-bastiment tas-sajd ma għandux ikun awtorizzat joħroġ mill-port biex jibda jistad mingħajr ma s-sistema tkun ġiet imsewwija jew sostitwita.

7. L-FMC jista', bħala proċedura ta' riżerva u wara evalwazzjoni u validazzjoni individwali, jaċċetta rapporti barra mill-limiti ta' żmien jew jikkoreġi jew joħloq rapporti manwalment. F'dawn il-każijiet kollha, l-FMC għandu juża l-marka tal-FMC stabbilita fl-Anness XII meta jikkomunika r-rapporti u l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-NEAFC. Il-marka tal-FMC għandha tkun parti mill-proċeduri ta' riżerva miftiehma u għandha tintuża f'sitwazzjonijiet fejn il-kaptan tal-bastiment ma jkunx jista' jikkonforma mar-rekwiżiti ta' rapportar, jew minħabba problemi tekniċi abbord il-bastiment jew problemi ta' komunikazzjoni bejn il-bastiment u l-FMC tiegħu. Il-marka tal-FMC tista' tintuża wkoll f'sitwazzjonijiet fejn il-problemi ta' komunikazzjoni bejn l-FMC u s-Segretarjat tal-NEAFC jdewmu l-iskambji tad-*data*. Il-marka tal-FMC tindika li l-FMC għen lill-bastiment tas-sajd billi mmaniġġa r-rapport f'isem il-kaptan, wara evalwazzjoni u validazzjoni individwali ta' rapport.

8. L-Istati Membri, l-EFCA u l-Kummissjoni jistgħu jitolbu mingħand is-Segretarjat tal-NEAFC messaġġ ta' ritorn kull darba li trażmissjoni elettronika ta' rapport jew messaġġ tiġi trażmessa fil-format speċifikat fl-Anness XI.

9. Ir-rapporti u l-messaġġi kollha kkomunikati skont l-Artikoli 14, 15 u 16 għandhom jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali.

Artikolu 18

Rapportar globali tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd

1. F'konformità mal-Artikolu 33(2) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni permezz ta' trażmissjoni bil-kompjuter qabel il-15-il jum ta' kull xahar dwar il-kwantitajiet ta' riżorsi tas-sajd maqbuda minn bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu matul ix-xahar preċedenti fiż-Żona Regolatorja, kif ukoll f'żoni taħt il-ġuriżdizzjoni nazzjonali tas-sajd ta' pajjiżi terzi u fl-ilmijiet tal-Unjoni taż-Żona tal-Konvenzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkompila d-*data* msemmija fil-paragrafu 1 għall-Istati Membri kollha u tgħaddi lis-Segretarjat tal-NEAFC l-istatistika proviżorja ta' kull xahar tal-Unjoni dwar il-qabdiet f'konformità mar-rekwiżiti approvati mill-NEAFC.

TAQSIMA 4

Spezzjoni u sorveljanza konġunti

Artikolu 19

Dispożizzjonijiet ġenerali għall-ispezzjonijiet u s-sorveljanza

1. L-EFCA għandha tikkoordina l-attivitajiet ta' spezzjoni u ta' sorveljanza għall-Unjoni fl-ambitu tal-Iskema tal-NEAFC, inklużi l-attivitajiet skont il-miżuri ta' kontroll tal-Istat tal-port imsemmija fit-Taqsima 5. Hija tista' tfassal, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati u mal-Kummissjoni, pjan ta' eżerċizzju konġunt imsemmi fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/473 għall-parteċipazzjoni tal-Unjoni fl-Iskema tal-NEAFC għas-sena ta' wara.

2. L-Istati Membri li l-bastimenti tas-sajd tagħhom ikunu qed iwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-Żona Regolatorja għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-Iskema tal-NEAFC, b'mod partikolari fejn jirrigwarda r-riżorsi umani u materjali meħtieġa, il-perjodi meta ser jintużaw dawk ir-riżorsi u ż-żoni fejn ser jintużaw.

3. Jekk fi kwalunkwe ħin ikun hemm iktar minn għaxar bastimenti tas-sajd tal-Unjoni involuti f'attivitajiet tas-sajd imwettqa fir-rigward ta' riżorsi regolati fiż-Żona Regolatorja, l-EFCA u l-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li jkun preżenti bastiment ta' spezzjoni matul dak il-ħin fiż-Żona Regolatorja, jew li jkun ġie konkluż ftehim ma' Parti Kontraenti oħra biex jikkooperaw u joperaw b'mod konġunt bastiment ta' spezzjoni.

4. L-Istati Membri u l-EFCA għandhom jiżguraw li l-ispezzjonijiet isiru b'mod mhux diskriminatorju u f'konformità mal-Iskema tal-NEAFC. L-għadd ta' spezzjonijiet għandu jkun ibbażat fuq id-daqs tal-flotta u billi jitqies iż-żmien imqatta' fiż-Żona Regolatorja. Fit-twettiq ta' dawk l-ispezzjonijiet, għandu jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-Partijiet Kontraenti kollha li jkollhom bastimenti tas-sajd joperaw fiż-Żona Regolatorja.

Artikolu 20

Spetturi tal-NEAFC

1. L-Istati Membri li l-bastimenti tas-sajd tagħhom huma awtorizzati li jistadu fiż-Żona Regolatorja għandhom jassenjaw spetturi għall-Iskema tal-NEAFC sabiex iwettqu sorveljanza u spezzjoni ("spetturi tal-NEAFC").

2. L-Istat Membru għandu joħroġ dokument tal-identità speċjali lil kull spettur tal-NEAFC f'konformità mal-format stabbilit fl-Anness XIII.

3. Kull spettur tal-NEAFC għandu jġorr u juri dan id-dokument speċjali tal-identità meta jimbarka fuq bastiment tas-sajd.

4. L-ispetturi tal-NEAFC għandhom jevitaw l-użu tal-forza, għajr fil-każ ta' awtodifiża leġittima. Meta jkunu qegħdin iwettqu spezzjonijiet abbord bastimenti tas-sajd, l-ispetturi tal-NEAFC ma għandhomx iġorru armi tan-nar.

5. L-ispetturi tal-NEAFC għandhom jevitaw li joħolqu kwalunkwe inkonvenjenza lill-bastiment tas-sajd jew li jinterferixxu fl-attivitajiet tiegħu u l-qabda miżmuma abbord, ħlief meta u sal-punt meħtieġ biex iwettqu dmirijiethom.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispetturi tal-NEAFC minn Partijiet Kontraenti oħrajn jitħallew iwettqu spezzjonijiet abbord bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom.

Artikolu 21

Mezzi ta' kontroll u spezzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-ispetturi tan-NU tagħhom mezzi adegwati biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti ta' sorveljanza u spezzjoni tagħhom u jassenjaw bastimenti u inġenji tal-ajru ta' spezzjoni għall-Iskema tal-NEAFC.

2. Sal-1 ta' Diċembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-EFCA l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-ismijiet u n-numri uniċi tal-ispetturi tal-NEAFC, inkluż l-indirizz tal-posta elettronika tagħhom; u

(b) il-bastimenti ta' spezzjoni, kif ukoll it-tipi ta' inġenji tal-ajru u d-dettalji ta' identifikazzjoni tagħhom (in-numru tar-reġistrazzjoni, l-isem, is-sinjal tas-sejħa bir-radju u l-indirizzi tal-posta elettronika) assenjati lill-Iskema tal-NEAFC matul dik is-sena.

3. Sal-1 ta' Jannar ta' kull sena, l-EFCA għandha tiġbor u tibgħat l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 lis-Segretarjat tal-NEAFC, b'kopja lill-Kummissjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw kwalunkwe bidla fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 lill-EFCA, li min-naħa tagħha għandha tinnotifika lis-Segretarjat tal-NEAFC, b'kopja lill-Kummissjoni.

5. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 4 għandha tiġi pprovduta b'mezzi elettroniċi f'konformità mal-formati stabbiliti fl-Anness XIV.

6. Il-bastimenti ta' spezzjoni assenjati mal-Iskema tal-NEAFC u li jġorru l-ispetturi tal-NEAFC, kif ukoll l-inġenju tal-imbark użat minn dak il-bastiment, għandhom juru s-sinjal ta' spezzjoni tal-NEAFC li jidher fl-Anness XV. L-inġenji tal-ajru assenjati mal-Iskema tal-NEAFC għandu jkollhom is-sinjal internazzjonali tas-sejħa tagħhom bir-radju jidher ċar.

7. L-Istati Membri u l-EFCA għandhom jinnotifikaw l-eżerċizzju tal-bastimenti u tal-inġenji tal-ajru ta' spezzjoni tagħhom assenjati mal-Iskema tal-NEAFC lis-Segretarjat tal-NEAFC permezz tal-parti sikura tas-sit web tal-NEAFC jew kif stabbilit fl-Anness XVI.

8. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-eżerċizzju tal-bastimenti u tal-inġenji tal-ajru ta' spezzjoni tagħhom assenjati mal-Iskema tal-NEAFC lill-EFCA, li għandha tikkoordina l-eżerċizzji kollha tal-Unjoni u żżomm rekord tad-data u l-ħin tal-bidu u tat-terminazzjoni tad-dmirijiet ta' dawk il-bastimenti u inġenji tal-ajru ta' spezzjoni.

Artikolu 22

Proċeduri ta' sorveljanza

1. Is-sorveljanza għandha tkun ibbażata fuq avvistamenti mwettqa mill-ispetturi tal-NEAFC viżwalment jew b'mezzi oħra ta' sorveljanza minn bastiment jew minn inġenju tal-ajru assenjat mal-Iskema tal-NEAFC.

2. L-ispetturi tal-NEAFC għandhom ilestu r-rapport ta' sorveljanza u jippreżentaw kopja lill-EFCA.

3. L-Istat Membru tal-ispezzjoni jew l-EFCA għandhom jibagħtu mingħajr dewmien id-*data* minn kull rapport ta' sorveljanza permezz ta' trażmissjoni elettronika f'rapport ta' osservazzjoni b'format skont l-Anness XVII lill-Istat Membru jew il-Parti Kontraenti tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd ikkonċernat u lis-Segretarjat tal-NEAFC. Stat Membru għandu jibgħat dik id-*data* b'kopja lill-EFCA. Kwalunkwe immaġni maqbuda matul is-sorveljanza għandha tintbagħat fuq talba lill-Istat Membru jew il-Parti Kontraenti tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd ikkonċernat.

Artikolu 23

Proċeduri ta' spezzjoni fuq il-baħar

1. L-ispetturi tal-NEAFC ma għandhom jitilgħu abbord l-ebda bastiment tas-sajd mingħajr ma jibagħtu avviż minn qabel bir-radju lil dak il-bastiment jew mingħajr ma jagħtu lil dak il-bastiment is-sinjal xieraq permezz tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali, inkluża l-identità tal-pjattaforma ta' spezzjoni. Madankollu, ma għandux ikun meħtieġ li tali avviż jiġi rikonoxxut bħala riċevut.

2. L-ispetturi tal-NEAFC għandu jkollhom l-awtorità li jeżaminaw iż-żoni, il-gverti u l-kmamar kollha rilevanti tal-bastiment tas-sajd, il-qabdiet (sewwa jekk ipproċessati u sewwa jekk le), ix-xbieki jew rkaptu ieħor, it-tagħmir u kwalunkwe dokument rilevant li huma jqisu meħtieġ sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-NEAFC u li jagħmlu mistoqsijiet lill-kaptan jew lill-persuna ddeżinjata mill-kaptan.

3. Il-bastiment tas-sajd li jkun ser jiġi imbarkat ma għandux ikollu għalfejn jieqaf jew jimmanuvra jekk ikun qiegħed jistad, ikala jew jerfa' l-qabda. L-ispetturi tal-NEAFC jistgħu jordnaw l-interruzzjoni jew l-ittardjar fl-irfih tal-irkaptu tas-sajd sakemm ikunu imbarkaw il-bastiment tas-sajd dment li tali ordni tintbagħat fi żmien 30 minuta wara li l-bastiment tas-sajd ikun irċieva l-avviż minn qabel imsemmi fil-paragrafu 1.

4. L-ispetturi tal-NEAFC jistgħu jagħtu struzzjonijiet lil bastiment tas-sajd biex jittardja d-dħul tiegħu fiż-Żona Regolatorja, jew il-ħruġ minnha għal massimu ta' 6 sigħat mill-ħin tat-trażmissjoni mill-bastiment tas-sajd tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 14(1), il-punti (b) u (g).

5. L-ispezzjoni ma għandhiex tieħu aktar minn 4 sigħat, jew il-ħin meħtieġ biex tintrefa' x-xibka u jiġu spezzjonati x-xibka u l-qabda, skont liema ddum l-aktar. Madankollu, fil-każ li jiġi rrapportat ksur, l-ispetturi tal-NEAFC jistgħu jibqgħu abbord għall-perjodu taż-żmien meħtieġ sabiex jitlestew il-miżuri previsti fl-Artikolu 34(1), il-punt (b).

6. F'ċirkostanzi speċjali, marbuta mad-daqs tal-bastiment tas-sajd u l-kwantitajiet ta' ħut miżmuma abbord, it-tul taż-żmien ta' spezzjoni jista' jaqbeż il-limiti stipulati fil-paragrafu 5. F'tali sitwazzjoni, l-ispetturi tal-NEAFC ma għandhom fl-ebda ċirkustanza jibqgħu abbord il-bastiment tas-sajd għal aktar mill-ħin meħtieġ biex itemmu l-ispezzjoni. Ir-raġunijiet għall-qbiż tal-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 5 għandhom jiġu rreġistrati fir-rapport ta' spezzjoni.

7. Ma għandhomx jitilgħu aktar minn ***erba'*** spetturi tal-NEAFC abbord bastiment tas-sajd ta' Parti Kontraenti oħra.

8. Huma u jwettqu l-ispezzjoni tagħhom, l-ispetturi tal-NEAFC jistgħu jitolbu lill-kaptan jipprovdi kwalunkwe assistenza li jistgħu jeħtieġu.

9. L-ispetturi tal-NEAFC ma għandhomx jindaħlu mal-kapaċità tal-kaptan li jikkomunika mal-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera matul it-tlugħ abbord u l-ispezzjoni.

10. Il-pjattaformi ta' spezzjoni għandhom jimmanuvraw f'distanza sikura mill-bastiment tas-sajd f'konformità mar-regoli ta' tbaħħir tajjeb.

11. L-ispetturi tal-NEAFC għandhom jiddokumentaw kull spezzjoni billi jimlew rapport ta' spezzjoni fil-format stabbilit fl-Anness XVIII. Il-kaptan jista' jikkummenta dwar ir-rapport ta' spezzjoni u dan għandu jiġi ffirmat mill-ispetturi tal-NEAFC fi tmiem l-ispezzjoni. L-ispetturi tal-NEAFC għandhom jipprovdu lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd b'kopja tar-rapport tal-ispezzjoni.

12. L-ispetturi tal-NEAFC għandhom jibagħtu mingħajr dewmien kopja ta' kull rapport ta' spezzjoni lill-EFCA u għandhom itellgħu minnufih l-informazzjoni tar-rapport ta' spezzjoni fil-parti sigura tas-sit web tal-NEAFC. L-oriġinal jew kopja ċertifikata ta' kull rapport ta' spezzjoni għandha tintbagħat fuq talba lill-Istat Membru jew il-Parti Kontraenti tal-bandiera tal-bastiment spezzjonat.

Artikolu 24

Obbligi tal-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni matul spezzjoni fuq il-baħar

Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni għandu:

(a) jippermetti l-ispezzjoni minn spetturi tal-NEAFC nnotifikati kif xieraq irrispettivament mill-Parti Kontraenti li tkun innotifikat lill-ispetturi;

(b) jiffaċilita l-imbark u l-iżbark fil-pront u sikuri tal-ispetturi tal-NEAFC billi jipprovdi sellum tal-imbark mibni u użat kif deskritt fl-Anness XIX;

(c) jekk jiġi pprovdut apparat mekkaniku għall-irfigħ, jiżgura li l-irkaptu anċillari jkun ta' tip approvat mill-awtoritajiet kompetenti; dan għandu jkun iddisinjat u mibni b'tali mod li jiġi żgurat li l-ispetturi jkunu jistgħu jittellgħu u jitniżżlu b'mod sikur, u jkollhom aċċess sikur mill-apparat għall-irfigħ għal fuq il-gverta u viċi versa; sellum tal-imbark li jikkonforma mal-Anness XIX għandu jinżamm fuq il-gverta maġenb l-apparat għall-irfigħ u jkun disponibbli għall-użu immedjat;

(d) jikkoopera ma' u jgħin fl-ispezzjoni tal-bastiment tas-sajd imwettqa skont dan ir-Regolament, u ma għandux ifixkel, jintimida jew jindaħal fix-xogħol tal-ispetturi tal-NEAFC fit-twettiq ta' dmirijiethom u għandu jiżgura s-sikurezza tagħhom;

(e) jippermetti li l-ispetturi tal-NEAFC jikkomunikaw mal-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera u mal-Parti Kontraenti tal-ispezzjoni;

(f) jipprovdi aċċess għal kwalunkwe żona, gverta u kamra tal-bastiment tas-sajd, qabda (ipproċessata jew le), xibka u rkaptu ieħor, tagħmir, u għal kwalunkwe informazzjoni jew dokument li l-ispetturi tal-NEAFC iqisu li jkun meħtieġ f'konformità l-Artikolu 23(2);

(g) jipprovdi kopji tad-dokumenti kif meħtieġ mill-ispetturi tal-NEAFC; u

(h) jipprovdi lill-ispetturi tal-NEAFC b'faċilitajiet raġjonevoli, inklużi, fejn xieraq, ikel u akkommodazzjoni meta jibqgħu abbord il-bastiment f'konformità mal-Artikolu 37(3).

TAQSIMA 5

Kontroll mill-Istat tal-port tal-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi tal-Partijiet Kontraenti

Artikolu 25

Kamp ta' applikazzjoni

Din it-Taqsima tapplika għall-użu ta' portijiet tal-Istati Membri minn bastimenti tas-sajd li jġorru abbord riżorsi tas-sajd li ġew maqbuda fiż-Żona tal-Konvenzjoni minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Parti Kontraenti oħra u li ma jkunux inħattu l-art jew ġew trażbordati qabel f'port. Tapplika wkoll għall-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jew ir-rappreżentant tagħhom li jkollhom il-ħsieb li jidħlu f'port ta' Parti Kontraenti oħra li jkunu qed iġorru riżorsi tas-sajd li ġew maqbuda fiż-Żona tal-Konvenzjoni u li ma jkunux inħattu l-art jew ġew trażbordati qabel f'port.

Artikolu 26

Applikazzjoni tal-Ftehim tal-FAO dwar Miżuri tal-Istat tal-Port

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-FAO dwar Miżuri tal-Istat tal-Port li Jimpedixxu, Jiskoraġġixxu u Jeliminaw is-Sajd Illegali, Mhux Rappurtat u Mhux Regolat ([25]) ("il-PSMA tal-FAO") għandhom japplikaw *mutatis mutandis* bħala standard minimu għall-kontroll mill-Istat tal-port tal-bastimenti tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 25, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet addizzjonali li jinsabu f'din it-Taqsima.

2. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw fl-implimentazzjoni effettiva tal-PSMA tal-FAO u fl-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Iskema tal-NEAFC.

Artikolu 27

Portijiet dežinjati

1. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw portijiet fejn il-bastimenti li jġorru abbord riżorsi tas-sajd li ġew maqbuda fiż-Żona tal-Konvenzjoni minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Parti Kontraenti oħra u li ma jkunux inħattu l-art jew ġew trażbordati qabel f'port jistgħu jiżbarkaw, jittrażbordaw jew jagħmlu użu mis-servizzi tal-port. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-lista ta' tali portijiet. Dik il-lista għandha tinkludi l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XX u għandha tintbagħat lill-Kummissjoni mill-inqas 15-il jum qabel ma tidħol fis-seħħ.

2. Kwalunkwe bidla fil-lista għandha tintbagħat mill-Istati Membri lill-Kummissjoni mill-inqas 15-il jum qabel ma l-bidliet jidħlu fis-seħħ.

3. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-Segretarjat tal-NEAFC b'dawk il-portijiet u bi kwalunkwe bidla fil-lista mingħajr dewmien.

4. Il-ħatt l-art, it-trażbordi u l-użu tas-servizzi tal-port mill-bastimenti tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 25 għandhom ikunu permessi biss f'portijiet dežinjati.

Artikolu 28

Notifika minn qabel dwar id-dħul fil-port

1. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd li jġorru l-ħut imsemmija fl-Artikolu 25 li jkollhom l-intenzjoni li jidħlu f'port tal-Unjoni jew ir-rappreżentanti tagħhom u l-kaptani ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jġorru abbord riżorsi tas-sajd maqbuda fiż-Żona tal-Konvenzjoni u li jkollhom l-intenzjoni li jidħlu f'port ta' Parti Kontraenti oħra jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-port mhux aktar tard minn 3 ijiem tax-xogħol qabel il-ħin stmat tal-wasla. L-Istati Membri tal-Port jistgħu jistabbilixxu perjodu ieħor ta' notifika, filwaqt li jqisu, b'mod partikolari, it-tip ta' proċessar tal-ħut maqbud jew id-distanza bejn iż-żoni tas-sajd u l-portijiet tiegħu. F'tali każ, l-Istat Membru tal-port ikkonċernat għandu jinforma mingħajr dewmien lill-Kummissjoni, li għandha tinforma minnufih lis-Segretarjat tal-NEAFC.

2. In-notifika minn qabel imsemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir permezz tas-sit web tal-NEAFC, billi timtela l-formola għall-Kontroll tal-Istat tal-Port (PSC) prevista fl-Anness XXI, filwaqt li l-Parti A għandha timtela kif ġej:

(a) il-formola PSC 1 għandha tintuża meta l-bastiment ikun qed iġorr il-qabda tiegħu stess;

(b) il-formola PSC 2 għandha tintuża meta l-bastiment ikun involut f'operazzjonijiet ta' trażbord, biex tingħata informazzjoni separata għall-qabdiet minn kull bastiment donatur.

3. Jekk is-sit web tal-NEAFC ikun offline, in-notifika minn qabel imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tintbagħat permezz ta' posta elettronika jew permezz ta' sistema bbażata fuq il-faks.

4. In-notifika minn qabel imsemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi kkanċellata mill-mittent billi jiġu nnotifikati l-awtoritajiet kompetenti tal-port maħsub biex jintuża mill-kaptan mhux aktar tard minn 24 siegħa qabel il-ħin stmat notifikat tal-wasla f'dak il-port. L-Istati Membri tal-port jistgħu jistabbilixxu perjodu ta' notifika ieħor għall-kanċellazzjoni. F'tali każ, l-Istat Membru tal-port ikkonċernat għandu jinforma mingħajr dewmien lill-Kummissjoni, li għandha tinforma minnufih lis-Segretarjat tal-NEAFC.

5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-port għandhom jibagħtu mingħajr dewmien kopja tan-notifiki msemmija fil-paragrafi 1 u 4 lis-Segretarjat tal-NEAFC, lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd, u lill-Istat jew l-Istati tal-bandiera tal-bastimenti donaturi meta l-bastiment tas-sajd kien involut f'operazzjonijiet ta' trażbord.

([25]) ĠU L 191, 22.7.2011, p. 3.

Artikolu 29

Awtorizzazzjoni għall-ħatt l-art, it-trażbord u għal użu ieħor tal-portijiet

1. L-Istati Membri tal-port għandhom jiżguraw li, wara notifika trażmessa skont l-Artikolu 28, l-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd li jkollu l-ħsieb li jħott jew jittrażborda jew, fejn il-bastiment tas-sajd ikun wettaq operazzjonijiet ta' trażbord barra minn port, l-Istat jew l-Istati tal-bandiera tal-bastimenti donaturi jimlew il-Parti B tal-formola PSC biex jikkonfermaw jew b'mod ieħor li:

(a) il-bastiment tas-sajd li ddikjara li qabad il-ħut kellu kwota suffiċjenti għall-ispeċijiet iddikjarati;

(b) il-kwantitajiet ta' ħut abbord ġew rappurtati u tqiesu kif suppost għall-kalkolu ta' kwalunkwe limitazzjoni tal-qbid jew tal-isforz li jista' jkun applikabbli;

(c) il-bastimenti tas-sajd li ddikjaraw li qabdu l-ħut kellhom l-awtorizzazzjoni li jistadu fiż-żoni ddikjarati;

(d) il-preżenza tal-bastiment fiż-żona tal-qabda ddikjarata ġiet ivverifikata skont id-*data* VMS.

2. Il-kaptan tal-bastiment tas-sajd ma għandux jibda l-operazzjonijiet ta' ħatt l-art jew ta' trażbord jew jagħmel użu mis-servizzi tal-port qabel ma tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-port billi jimla kif xieraq il-Parti C tal-formola PSC permezz tas-sit web tal-NEAFC, u l-ħin stmat tal-wasla rrapportat fin-notifika minn qabel (PSC1 jew PSC2) ikun skada. Tali awtorizzazzjoni għandha tingħata biss jekk tkun waslet il-konferma mill-Istat tal-bandiera, kif jissemma fil-paragrafu 1. Madankollu, bil-permess tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-port, l-operazzjonijiet ta' ħatt l-art jew ta' trażbord u l-użu ta' servizzi portwarji oħrajn jistgħu jinbdew qabel il-ħin stmat tal-wasla.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, jekk ma tkunx waslet il-konferma mill-Istat tal-bandiera msemmi fil-paragrafu 1, l-Istat Membru tal-port jista' jawtorizza l-ħatt l-art tal-ħut kollu, jew ta' parti minnu, bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-ħut ikkonċernat għandu jinżamm maħżun taħt il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti;

(b) il-ħut ikkonċernat għandu jiġi rrilaxxat għall-bejgħ, għall-għoti jew għat-trasport biss ladarba tkun waslet il-konferma msemmija fil-paragrafu 1; u

(c) jekk il-konferma ma tasalx fi żmien 14-il jum wara l-ħatt l-art, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-port jistgħu jikkonfiskaw u jiddisponu mill-ħut f'konformità mar-regoli nazzjonali.

4. Ħatt l-art, trażbord u użu ieħor ta' servizzi tal-port ma għandhomx jiġu awtorizzati jekk l-Istat Membru tal-port jirċievi evidenza ċara li l-qabda abbord ittieħdet bi ksur tar-rekwiżiti applikabbli ta' Parti Kontraenti fir-rigward ta' żoni taħt il-ġuriżdizzjoni nazzjonali tagħha.

5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-port għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien id-deċiżjoni tagħhom dwar jekk ingħatatx awtorizzazzjoni għall-ħatt l-art, għat-trażbord jew għal użu ieħor tas-servizzi tal-port lill-kaptan tal-bastiment jew lir-rappreżentant tal-kaptan, lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment u lis-Segretarjat tal-NEAFC billi jimlew, fejn ikun xieraq, il-Parti C tal-formola PSC.

Artikolu 30

Spetturi u uffiċjali tal-port tal-NEAFC

1. L-ispezzjonijiet għandhom jitwettqu minn uffiċjali awtorizzati tal-Istati Membri b'għarfien tar-Rakkomandazzjonijiet stabbiliti skont il-Konvenzjoni.

2. Soġġett għall-qbil tal-Istat Membru tal-port, il-Kummissjoni tista' tistieden lil spetturi ta' Partijiet Kontraenti oħrajn jakkumpanjaw lill-ispetturi tal-Istat Membru tal-port u josservaw l-ispezzjoni.

3. Sal-1 ta' Diċembru ta' kull sena, l-Istati Membri tal-port għandhom jinnotifikaw lill-EFCA bl-informazzjoni li ġejja:

(a) l-ismijiet u d-dettalji tal-ispetturi tal-port tal-NEAFC awtorizzati jwettqu spezzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu V tal-Iskema tal-NEAFC f'konformità mal-format tal-Anness XIV;

(b) l-ismijiet u d-dettalji tal-uffiċjali li jawtorizzaw il-ħatt l-art, it-trażbordi u l-użu ta' servizzi portwarji oħrajn.

4. Sal-1 ta' Jannar ta' kull sena, l-EFCA għandha tiġbor u tibgħat l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 lis-Segretarjat tal-NEAFC, b'kopja lill-Kummissjoni.

5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw kwalunkwe bidla fil-listi msemmija fil-paragrafu 3 lill-EFCA, li min-naħa tagħha għandha tibgħathom mingħajr dewmien lis-Segretarjat tal-NEAFC, b'kopja lill-Kummissjoni.

Artikolu 31

Spezzjonijiet tal-port

1. Fil-kuntest tal-iskema konġunta ta' spezzjoni u sorveljanza skont l-Artikolu 19(1), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispezzjonijiet fil-port tal-bastimenti tas-sajd li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 25 ikunu bbażati fuq metodoloġija armonizzata ta' valutazzjoni tar-riskju stabbilita f'kooperazzjoni mal-EFCA u taħt il-koordinazzjoni tagħha, filwaqt li jitqiesu l-linji gwida ġenerali deskritti fl-Anness XXII.

2. Għall-valutazzjoni tar-riskju u, fejn ikun xieraq, għall-ispezzjoni, wara notifika minn qabel imsemmija fl-Artikolu 28, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispetturi tal-port tal-NEAFC jivvalutaw id-*data* elettronika tal-ġurnal ta' abbord tas-sajd u tal-VMS dwar l-attivitajiet kollha tas-sajd fiż-Żona Regolatorja mibgħuta mill-bastiment ikkonċernat lis-Segretarjat tal-NEAFC għal perjodu ta' sena qabel il-ħatt l-art ippjanat. Fil-każ ta' trażbord, id-*data* tal-bastimenti donaturi għandha tiġi vvalutata wkoll.

3. Għal kull sena, kull Stat Membru għandu jwettaq spezzjonijiet ta' mill-inqas 5 % tal-ħatt l-art jew tat-trażbord ta' ħut frisk u mill-inqas 7,5 % tal-ħut iffriżat fil-portijiet tiegħu suġġett għall-Artikolu 25. L-ispezzjoni ta' bastiment tas-sajd li jħott l-art jew jittrażborda kemm qabdiet friski kif ukoll iffriżati għandha tingħadd mal-parametri referenzjarji kemm għall-ħut frisk kif ukoll għal dak iffriżat.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispezzjonijiet jitwettqu b'mod ġust, trasparenti u mhux diskriminatorju u ma għandhomx jikkostitwixxu fastidju fil-konfront tal-operaturi ta' kwalunkwe bastiment tas-sajd.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw fil-proċeduri ta' spezzjoni li l-ispetturi:

(a) iġorru u jippreżentaw dokument tal-identità xieraq lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd mal-ewwel opportunità waqt spezzjoni;

(b) jeżaminaw iż-żoni kollha rilevanti tal-bastiment sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni rilevanti;

(c) jagħmlu l-isforzi kollha possibbli sabiex jevitaw illi bastiment idewmuh iżżejjed bla bżonn, u jiżguraw li l-bastiment ibati l-minimu ta' interferenza u inkonvenjenza u li tiġi evitata d-degradazzjoni tal-kwalità tal-ħut;

(d) ma għandhomx jindaħlu lill-kaptan fir-rigward tal-kapaċità tiegħu li jikkomunika mal-awtoritajiet tal-Istat tal-bandiera;

(e) jivverifikaw li d-dokumentazzjoni ta' identifikazzjoni tal-bastiment li jkollu abbord u l-informazzjoni relatata ma' sid il-bastiment ikunu veri, sħaħ u korretti, fosthom b'kuntatti xierqa mal-Istat tal-bandiera jew bir-reġistrazzjonijiet internazzjonali tal-bastimenti jekk dan ikun meħtieġ;

(f) jivverifikaw li l-bandiera u l-marki tal-bastiment, inkluż l-isem, in-numru ta' reġistrazzjoni estern, in-numru tal-IMO, il-kodiċi internazzjonali tas-sejħa bir-radju u marki oħrajn, u d-dimensjonijiet prinċipali, ikunu konsistenti mal-informazzjoni inkluża fid-dokumentazzjoni;

(g) jivverifikaw li l-awtorizzazzjonijiet għas-sajd u l-attivitajiet relatati mas-sajd ikunu veri, sħaħ, korretti u konsistenti mal-informazzjoni pprovduta f'konformità mal-Artikolu 28;

(h) jirrieżaminaw id-dokumentazzjoni u r-reġistri rilevanti l-oħra kollha miżmuma abbord, inkluż dawk f'format elettroniku u d-*data* tal-VMS mingħand l-Istat tal-bandiera jew mingħand l-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd rilevanti; id-dokumentazzjoni rilevanti tista' tinkludi l-ġurnali ta' abbord, id-dokumenti tal-qabdiet, tat-trażbord u tal-kummerċ, il-listi tal-ekwipaġġ, il-pjanijiet u d-disinji għall-istivar, deskrizzjoni tal-istivi tal-ħut, u dokumenti mitluba skont il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Ispeċijiet ta' Fawna u Flora Selvaġġi fil-Periklu ([26]);

(i) jeżaminaw l-irkaptu tas-sajd rilevanti kollu li jkun abbord, inkluż l-irkaptu stivat li ma jidhirx kif ukoll apparat relatat, u jivverifikaw li dawn ikunu konformi mal-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjonijiet; l-irkaptu tas-sajd għandu jiġi kkontrollat ukoll sabiex ikun żgurat li karatteristiċi bħad-daqs tal-malja u tal-ispag, l-apparat u l-aċċessorji, id-dimensjonijiet u l-konfigurazzjoni tax-xbieki, in-nases, il-gangmi, id-daqsijiet u l-għadd ta' snanar ikunu konformi mar-regolamenti applikabbli u li l-marki jkunu jikkorrispondu għal dawk awtorizzati għall-bastiment;

(j) jiddeterminaw jekk il-ħut abbord inqabadx f'konformità mal-awtorizzazzjonijiet applikabbli;

([26]) ĠU L 75, 19.3.2015, p. 4.

(k) jimmonitorjaw l-iskariku jew it-trażbord kollu u jwettqu kontroverifiki bejn il-kwantitajiet irreġistrati skont l-ispeċi fin-notifika preċedenti tal-ħatt l-art u l-kwantitajiet li jinħattu l-art jew jiġu trażbordati, skont l-ispeċi;

(l) jeżaminaw il-ħut, inkluż bit-teħid ta' kampjuni, sabiex jiddeterminaw il-kwantità u l-kompożizzjoni tiegħu; biex jagħmlu dan, l-ispetturi jistgħu jifthu kontenituri fejn il-ħut ikun ġie ppakkjat minn qabel u jċaqilqu l-qabda jew il-kontenituri sabiex jaċċertaw ruħhom mill-integrità tal-istivi tal-ħut; tali eżami jista' jinkludi spezzjonijiet tat-tip tal-prodott u d-determinazzjoni tal-piż nominali;

(m) wara li jitlesta l-ħatt l-art jew it-trażbord, jivverifikaw u jieħdu nota tal-kwantitajiet tal-ħut, skont l-ispeċi, li jibqgħu abbord;

(n) jevalwaw jekk ikunx hemm evidenza ċara sabiex wieħed jemmen li bastiment kien involut f'sajd illegali, mhux irrappurtat jew mhux irregolat jew f'attivitajiet relatati mas-sajd li jappoġġaw tali sajd;

(o) jipprovdu lill-kaptan tal-bastiment ir-rapport bir-riżultat tal-ispezzjoni, inkluż il-miżuri possibbli li jistgħu jittieħdu, sabiex jiġi ffirmat mill-ispettur u mill-kaptan; il-firma tal-kaptan fuq ir-rapport għandha sservi biss bħala rikonoxximent li ġiet riċevuta kopja tar-rapport; il-kaptan għandu jingħata l-opportunità li jżid kwalunkwe kumment jew oġġezzjoni mar-rapport u, fejn ikun xieraq, li jikkuntattja lill-awtoritajiet rilevanti tal-Istat tal-bandiera b'mod partikolari meta l-kaptan ikollu diffikultajiet serji biex jifhem il-kontenut tar-rapport; u

(p) meta jkun meħtieġ u possibbli, jagħmlu arranġamenti għat-traduzzjoni tad-dokumentazzjoni rilevanti.

6. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw il-komunikazzjoni mal-kaptan jew mal-membri tal-ekwipaġġ tal-bastiment li għandhom kariga għolja, inkluż, fejn ikun possibbli u fejn ikun meħtieġ, billi jiżguraw li l-ispettur ikun akkumpanjat minn interpretu.

7. Dan l-Artikolu għandu japplika flimkien mar-regoli dwar il-proċeduri ta' spezzjoni stabbiliti fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

Artikolu 32

Obbligi tal-operaturi matul l-ispezzjonijiet fil-port

1. Dan l-Artikolu japplika flimkien mal-obbligi ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u l-Artikolu 113 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011.

2. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd li jkun qed jiġi spezzjonat jew, fejn rilevanti, ir-rappreżentant tal-kaptan, għandu jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 75 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u l-Artikolu 114 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011 u, fejn applikabbli, mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 33

Rapporti ta' spezzjoni

1. Kull spezzjoni tal-NEAFC fil-port għandha tiġi ddokumentata billi jitlesta rapport ta' spezzjoni tal-Kontroll tal-Istat tal-Port (formola PSC 3) kif jidher fl-Anness XXIII.

2. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd jista' jżid il-kummenti tiegħu mar-rapport ta' spezzjoni, li għandu jiġi ffirmat mill-ispettur u mill-kaptan fi tmiem l-ispezzjoni. Għandha tingħata kopja tar-rapport ta' spezzjoni lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd jew lir-rappreżentant tal-kaptan.

3. L-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-port għandhom jiżguraw li kopja ta' kull rapport ta' spezzjoni tiġi trażmessa mingħajr dewmien lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd spezzjonat, lill-Istat tal-bandiera jew lill-Istati tal-bastimenti donaturi meta l-bastiment kien involva ruħu f'operazzjonijiet ta' trażbord, u lis-Segretarjat tal-NEAFC, b'kopja lill-Kummissjoni u lill-EFCA. L-oriġinal jew kopja ċertifikata ta' kull rapport ta' spezzjoni għandha tintbagħat fuq talba lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment spezzjonat.

4. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw l-awtoritajiet kompetenti li għandhom jirċievu rapporti ta' spezzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu.

TAQSIMA 6

Ksur

Artikolu 34

Proċeduri ta' ksur

1. Meta l-ispetturi jirrapportaw ksur minn bastiment tas-sajd relatat ma' kwalunkwe attività tas-sajd u li jmur kontra l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati mill-NEAFC, huma għandhom:

(a) jirreġistraw il-ksur fir-rapport imsemmi fl-Artikoli 22(3), l-Artikolu 23(11) jew l-Artikolu 33(1);

(b) jirreġistraw l-evidenza meqjusa neċessarja relatata mal-ksur;

(c) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw is-sigurtà u l-kontinwità tal-evidenza għal spezzjoni mill-baċir sussegwenti; tista' titwaħħal fis-sod marka ta' identifikazzjoni ma' kwalunkwe parti tal-irkaptu tas-sajd li waqt l-ispezzjoni tidher li tmur jew li marret kontra l-miżuri applikabbli; u

(d) jippruvaw minnufih jikkomunikaw mal-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-ispezzjoni u mal-EFCA.

2. L-Istat Membru tal-ispezzjoni, jew l-EFCA jekk l-ispezzjoni jew is-sorveljanza titwettaq minnha, għandu jew għandha tikkomunika bil-miktub u b'mezzi elettroniċi d-dettalji tal-ksur lill-awtorità dežinjata tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment spezzjonat u lill-Kummissjoni u lill-EFCA, fejn ikun possibbli, fl-ewwel jum tax-xogħol wara l-bidu tal-ispezzjoni. Fejn xieraq, l-Istat Membru tal-ispezzjoni jew l-EFCA għandha tikkomunika wkoll is-sejbiet lill-Parti Kontraenti li fl-ilmijiet tagħha jkun seħħ il-ksur u lill-Istat li tiegħu jkun nazzjonali l-kaptan tal-bastiment.

3. L-Istat Membru tal-ispezzjoni jew l-EFCA għandha tibgħat mingħajr dewmien l-oriġinal tar-rapport ta' sorveljanza jew ta' spezzjoni bi kwalunkwe dokument ta' sostenn lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd spezzjonat, b'kopja lis-Segretarjat tal-NEAFC, lill-Kummissjoni u lill-EFCA.

4. Meta jiġi rreġistrat ksur tar-regoli tal-NEAFC fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 33(1), l-Istat Membru tal-ispezzjoni għandu jew jieħu miżuri ta' infurzar xierqa jew jinnotifika, bil-posta elettronika, lill-awtoritajiet dežinjati tal-Istat Membru tal-bandiera jew tal-Parti Kontraenti tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd spezzjonat dwar l-intenzjoni li jittrasferixxi l-proċedimenti. Dik il-proċedura għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru tal-ispezzjoni, tal-Istat Membru tal-bandiera jew tal-Parti Kontraenti tal-bandiera biex jinfurzaw il-liġi tagħhom stess u għall-ġuriżdizzjoni tal-Istat tal-bandiera fir-rigward tal-attivitajiet tas-sajd fiż-Żona Regolatorja.

Artikolu 35

Segwitu fil-każ ta' allegat ksur

1. L-Istati Membri għandhom jiddežinjaw l-awtoritajiet kompetenti li għandhom jirċievu l-evidenza ta' ksur. L-awtoritajiet kompetenti dežinjati nnotifikati bi ksur imwettaq minn bastiment tas-sajd ta' dak l-Istat Membru għandhom jieħdu azzjoni fil-pront biex jirċievu u jikkunsidraw l-evidenza tal-ksur u jwettqu kwalunkwe investigazzjoni ulterjuri meħtieġa għas-segwitu tal-ksur u, kull meta jkun possibbli, jispezzjonaw il-bastiment tas-sajd ikkonċernat.

2. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw u jaġixxu fuq rapporti mill-ispetturi tal-NEAFC ta' Partijiet Kontraenti oħra fl-ambitu tal-Iskema tal-NEAFC fuq l-istess bażi bħar-rapporti mill-ispetturi tagħhom stess. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin u ma' Partijiet Kontraenti oħra sabiex jiffaċilitaw proċedimenti ġudizzjarji jew proċedimenti oħra li jirriżultaw minn rapport ippreżentat minn spettur fl-ambitu tal-Iskema tal-NEAFC.

Artikolu 36

Ksur serju

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-każijiet ta' ksur li ġejjin fir-rigward tar-riżorsi tas-sajd għandhom jitqiesu bħala serji:

(a) sajd mingħajr awtorizzazzjoni valida maħruġa mill-Istat tal-bandiera;

(b) sajd mingħajr kwota jew wara li din tkun ġiet eżawrita;

(c) l-użu ta' rkaptu tas-sajd ipprojbit;

(d) ir-reġistrazzjoni ħażina serja ta' qabdiet ta' riżorsi regolati;

(e) nuqqas ripetut ta' konformità mal-Artikoli 14 u 16 jew, fir-rigward tar-riżorsi regolati, l-Artikolu 15;

(f) ħatt l-art jew trażbord f'port mhux deżinjat f'konformità mal-Artikolu 27;

(g) nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 28(1) sa (4);

(h) ħatt l-art jew trażbord mingħajr awtorizzazzjoni tal-Istat tal-port jew qabel il-ħin stmat tal-wasla notifikat minn qabel mingħajr permess tal-Istat tal-port kif imsemmi fl-Artikolu 29;

(i) prevenzjoni lill-ispetturi milli jwettqu dmirijiethom;

(j) sajd dirett għal stokk li huwa soġġett għal moratorju jew li s-sajd għalih huwa pprojbit;

(k) il-falsifikazzjoni jew il-ħabi intenzjonali tal-marki, tal-identità jew tar-reġistrazzjoni ta' bastiment tas-sajd;

(l) il-ħabi, it-tbagħbis jew it-twarrib ta' evidenza li jkollha x'taqsam ma' investigazzjoni;

(m) vjolazzjonijiet multipli li flimkien jikkostitwixxu indifferenza serja għall-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni;

(n) involviment f'operazzjonijiet ta' trażbord jew ta' sajd konġunt ma' bastimenti ta' Partijiet mhux Kontraenti li ma jkunux ingħataw l-istatus ta' Parti Mhux Kontraenti li tikkoopera mill-NEAFC;

(o) il-forniment ta' kwalunkwe provvisti, karburant jew servizzi oħra lil bastimenti li jkunu tqiegħdu fuq il-listi ta' bastimenti li jwettqu sajd IUU msemmija fl-Artikolu 47(1).

Artikolu 37

Azzjoni ta' segwitu f'każijiet ta' ksur serju

1. Jekk spettur iqis li jkun hemm raġunijiet ċari biex jemmen li l-kaptan jew l-operatur ta' bastiment tas-sajd ikun wettaq ksur serju, dak l-ispettur għandu jinnotifika minnufih dak il-ksur lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-ispezzjoni, lill-Kummissjoni u lill-EFCA. L-Istat Membru tal-ispezzjoni jew l-EFCA, fil-każ li l-ispezzjoni tkun twettqet minn din tal-aħħar, għandha tgħaddi l-informazzjoni mingħajr dewmien lis-Segretarjat tal-NEAFC, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment u, fejn xieraq, lill-Istat tal-bandiera jew lill-Istati tal-bastimenti donaturi meta l-bastiment spezzjonat ikun involva ruħu f'operazzjonijiet ta' trażbord.

2. Sabiex tiġi ppreservata l-evidenza tal-ksur, l-ispettur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżgura s-sigurtà u l-kontinwità tagħha filwaqt li jimminimizza l-inkonvenjenza lill-bastiment u l-interferenza fix-xogħol tiegħu.

3. Fil-każ ta' spezzjoni fuq il-baħar fiż-Żona Regolatorja, l-ispettur huwa intitolat jibqa' abbord il-bastiment tas-sajd għall-perjodu meħtieġ biex jipprovdi informazzjoni lil spettur awtorizzat kif xieraq mill-Parti Kontraenti tal-bandiera jew sakemm it-tweġiba tal-Istat Membru tal-bandiera jew tal-Parti Kontraenti tal-bandiera titlob lill-ispettur jitlaq mill-bastiment tas-sajd.

Artikolu 38

Azzjoni ta' segwitu f'każijiet ta' ksur serju minn bastiment tas-sajd tal-Unjoni

1. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jirrispondi għal notifika ta' ksur serju mingħajr dewmien u għandu jiżgura li l-bastiment tas-sajd ikkonċernat tal-Unjoni jiġi spezzjonat fi żmien 72 siegħa minn spettur awtorizzat kif jixraq f'dak li jirrigwarda l-ksur.

2. Wara n-notifika tar-riżultati tal-eżami msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 37(1), l-Istat Membru tal-bandiera għandu, jekk l-evidenza titlob dan, jirrikjedi li l-bastiment tas-sajd jipproċedi minnufih lejn port deżinjat minn dak l-Istat Membru tal-bandiera għal spezzjoni bir-reqqa taħt l-awtorità tiegħu u fil-preżenza ta' spettur tal-NEAFC minn kwalunkwe Parti Kontraenti oħra li tkun tixtieq tipparteċipa.

3. L-Istat Membru tal-bandiera jista' jawtorizza lill-Istat li jispezzjona sabiex idaħħal il-bastiment tas-sajd mingħajr dewmien f'port deżinjat mill-Istat Membru tal-bandiera.

4. Jekk il-bastiment tas-sajd ma jissejjaħx biex jidħol fil-port, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jipprovdi ġustifikazzjoni xierqa fil-ħin lill-EFCA u lill-Kummissjoni, li għandha tgħaddi l-informazzjoni lill-Parti Kontraenti li tkun qed twettaq l-ispezzjoni u lis-Segretarjat tal-NEAFC.

5. Meta bastiment tas-sajd ikun meħtieġ li jipproċedi f'port għal spezzjoni bir-reqqa skont il-paragrafu 2 jew 3, spettur tal-NEAFC minn Parti Kontraenti oħra jista', bil-kunsens tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd, jimbarka u jibqa' abbord il-bastiment tas-sajd hekk kif ikun qed jipproċedi lejn port u jista' jkun preżenti waqt l-ispezzjoni tal-bastiment tas-sajd fil-port.

6. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni u lill-EFCA dwar l-eżitu tal-ispezzjoni u l-miżuri li jkunu adottaw bħala riżultat tal-ksur.

Artikolu 39

Miżuri biex tiġi żgurata l-konformità

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu b'mod sistematiku miżuri xierqa, inkluż azzjonijiet amministrattivi jew proċedimenti kriminali bi qbil mal-liġi nazzjonali tagħhom, kontra l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għal ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli adottati mill-NEAFC li jistgħu jiġu infurzati fuqhom.

Artikolu 40

Rapporti dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza u spezzjoni, dwar il-ksur u s-segwitu tagħhom u dwar l-attivitajiet IUU

1. Sal-1 ta' Frar ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jirrapporta lill-EFCA u lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-għadd ta' spezzjonijiet li jkun wettaq skont l-Artikoli 22, 23 u 31, filwaqt li jispeċifika l-għadd ta' spezzjonijiet mill-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd spezzjonat u, fil-każ ta' ksur, id-data u l-pożizzjoni tal-bastiment tas-sajd rispettiv u n-natura tal-ksur;

(b) l-għadd ta' sigħat fl-ajru u l-għadd ta' jiem fuq il-baħar minn operazzjonijiet tal-għassa tal-NEAFC, l-għadd ta' avvistamenti minn Stat tal-bandiera tal-bastimenti li jkunu ntlemħu u l-lista ta' bastimenti tas-sajd individwali li għalihom ikun tlesta rapport ta' sorveljanza;

(c) l-għadd ta' spezzjonijiet ta' bastimenti ta' Partijiet mhux Kontraenti li jkun wettaq fl-ambitu tal-Iskema tal-NEAFC, fuq il-baħar jew fil-portijiet tiegħu, l-ismijiet tal-bastimenti spezzjonati u l-Istati tal-bandiera rispettivi tagħhom, id-dati tal-ispezzjonijiet, l-ismijiet ta' kwalunkwe port fejn twettqu l-ispezzjonijiet u r-riżultati ta' tali spezzjonijiet;

(d) meta ħut jinħatt l-art jew jiġi ttrażbordat wara spezzjoni f'konformità mal-Iskema tal-NEAFC, l-evidenza ppreżentata skont l-Artikolu 46; u

(e) l-istatus tal-proċedimenti li jikkonċernaw kull ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-NEAFC li twettaq matul is-sena kalendarja preċedenti b'dak il-ksur ikompli jiġi elenkat f'kull rapport sussegwenti sakemm il-proċedimenti jiġu konklużi skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi nazzjonali; ir-rapport għandu jindika l-istatus tal-proċedimenti u b'mod partikolari jekk il-każ huwiex pendenti, taħt appell jew għadu qed jiġi investigat, u r-rapport għandu wkoll jiddeskrivi f'termini speċifiċi kwalunkwe sanzjoni jew piena imposta, u jsemmi b'mod partikolari l-ammont tal-multi, il-valur tal-ħut jew tal-irkaptu kkonfiskat, kwalunkwe twissija mogħtija bil-miktub u, jekk ma ttieħdet l-ebda azzjoni, ir-raġunijiet għal dan.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta f'konformità mal-mudelli adottati mill-NEAFC.

3. L-EFCA għandha tiġbor rapport tal-Unjoni abbażi tar-rapporti tal-Istati Membri u l-informazzjoni disponibbli fl-ambitu tal-iskema konġunta ta' spezzjoni u sorveljanza tal-Unjoni. L-EFCA għandha tibgħat ir-rapport tal-Unjoni lill-Kummissjoni sal-20 ta' Frar ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport tal-Unjoni lis-Segretarju tal-NEAFC sal-1 ta' Marzu kull sena.

TAQSIMA 7

Miżuri għall-promozzjoni tal-konformità minn bastimenti tas-sajd ta' Partijiet mhux Kontraenti

Artikolu 41

Kamp ta' applikazzjoni

Din it-Taqsima tapplika għall-bastimenti tas-sajd ta' Partijiet mhux Kontraenti, li jintużaw jew li huma maħsuba biex jintużaw f'attivitajiet ta' sajd imwettqa fir-rigward ta' riżorsi tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni.

Artikolu 42

Avvistamenti u identifikazzjonijiet ta' bastimenti tas-sajd ta' Partijiet mhux Kontraenti

1. L-Istati Membri jew l-EFCA għandha tibgħat mingħajr dewmien kwalunkwe informazzjoni dwar bastimenti ta' Partijiet mhux Kontraenti li jintlemħu jew li jkunu identifikati b'xi mod ieħor bħala involuti f'attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni lill-EFCA, b'kopja lill-Kummissjoni. L-EFCA għandha tinforma minnufih lis-Segretarjat tal-NEAFC u lill-Istati Membri l-oħra kollha b'kull rapport ta' avvistament li tirċievi.

2. L-EFCA jew l-Istat Membru li jkun lemaħ il-bastiment tas-sajd ta' Parti mhux Kontraenti għandu jipprova jinforma mingħajr dewmien lil dak il-bastiment dwar l-avvistament jew dwar l-identifikazzjoni b'xi mezz ieħor tal-involviment tiegħu f'attivitajiet ta' sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni u, ħlief jekk l-Istat tal-bandiera tiegħu jkun ingħata l-istatus ta' Parti mhux Kontraenti attiva li tikkoopera mill-NEAFC, b'konsegwenza jitqies li qiegħed jimmina l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni adottati mill-NEAFC.

3. Fil-każ ta' bastiment tas-sajd ta' Parti mhux Kontraenti li jintlemaħ jew jiġi identifikat b'xi mezz ieħor bħala involut f'attivitajiet ta' trażbord, il-preżunzjoni li qed jimmina l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-NEAFC adottati mill-NEAFC tapplika għal kwalunkwe bastiment tas-sajd ieħor ta' Parti mhux Kontraenti li jkun ġie identifikat bħala involut f'tali attivitajiet ma' dak il-bastiment.

Artikolu 43

Spezzjonijiet fuq il-baħar

1. L-ispetturi tal-NEAFC għandhom jitolbu permess biex jitilgħu abbord u jispezzjonaw bastimenti tas-sajd ta' Partijiet mhux Kontraenti li jintlemħu jew jiġu identifikati minn Parti Kontraenti bi kwalunkwe mezz ieħor bħala involuti f'attivitajiet tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni. Jekk il-kaptan jagħti l-kunsens għall-imbark u għall-ispezzjoni tal-bastiment, l-ispezzjoni għandha tiġi ddokumentata billi jiġi kkompletat rapport ta' spezzjoni kif stabbilit fl-Anness XVIII.

2. L-ispetturi tal-NEAFC għandhom jibagħtu mingħajr dewmien kopja tar-rapport ta' spezzjoni lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd ta' Parti mhux Kontraenti, lill-Kummissjoni u lill-EFCA. L-EFCA għandha tibgħat il-kopja minnufih lis-Segretarjat tal-NEAFC. Fejn l-evidenza f'dak ir-rapport hekk titlob, Stat Membru għandu jieħu azzjoni kif xieraq f'konformità mal-liġi internazzjonali.

3. Jekk il-kaptan ma jagħtix kunsens għall-imbark u għall-ispezzjoni tal-bastiment jew ma jissodisfax xi wieħed mill-obbligi stipulati fl-Artikolu 24, il-punti (b) sa (f), il-bastiment tas-sajd ta' Parti mhux Kontraenti għandu jitqies li jkun wettaq attivitajiet ta' sajd IUU. L-ispettur tal-NEAFC għandu jinforma mingħajr dewmien lill-EFCA u lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lis-Segretarjat tal-NEAFC.

Artikolu 44

Dħul f'port

1. Il-kaptani ta' bastiment tas-sajd ta' Parti mhux Kontraenti li jkunu beħsiebhom jidħlu f'port għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-port f'konformità mal-Artikolu 28. L-Istat Membru tal-port ikkonċernat għandu jibgħat dik l-informazzjoni mingħajr dewmien lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd u lis-Segretarjat tal-NEAFC, b'kopja lill-Kummissjoni u lill-EFCA.

2. L-Istat Membru tal-port għandu jipprojbixxi d-dħul fil-portijiet tiegħu ta' bastimenti tas-sajd ta' Parti mhux Kontraenti li ma jkunux taw in-notifika minn qabel meħtieġa tad-dħul jew ipprovdew l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

3. L-Istat Membru tal-port għandu jikkomunika mingħajr dewmien id-deċiżjoni li jiġi pprojbit id-dħul fil-port lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd ta' Parti mhux Kontraenti jew lil rappreżentant tal-kaptan, lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment u lis-Segretarjat tal-NEAFC, b'kopja lill-Kummissjoni u lill-EFCA.

Artikolu 45

Spezzjonijiet fil-port

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd kollha ta' Parti mhux Kontraenti li jitħallew jidħlu f'wieħed mill-portijiet tagħhom jiġu spezzjonati f'konformità mal-Artikolu 31(4) sa (8). Il-bastiment tas-sajd ta' Parti mhux Kontraenti ma għandux jitħalla jħott jew jittrażborda kwalunkwe tip ta' ħut sakemm titlesta l-ispezzjoni. Kull spezzjoni għandha tiġi ddokumentata billi jimtela rapport ta' spezzjoni kif previst fl-Artikolu 33.

2. Meta l-kaptan tal-bastiment tas-sajd ta' Parti mhux Kontraenti jkun naqas milli jissodisfa kwalunkwe wieħed mill-obbligi stipulati fl-Artikolu 24, il-punti (b) sa (f), il-bastiment għandu jiġi preżunt li kien involut f'attivitajiet IUU.

3. L-Istat Membru tal-port għandu jibgħat minnufih l-informazzjoni dwar ir-riżultati tal-ispezzjonijiet kollha ta' bastimenti tas-sajd ta' Parti mhux Kontraenti mwettqa fil-portijiet tiegħu u dwar l-azzjoni sussegwenti lis-Segretarjat tal-NEAFC, b'kopja lill-Kummissjoni u lill-EFCA.

Artikolu 46

Ħatt l-art, trażbordi u użu tal-port

1. Il-ħatt l-art, it-trażbordi jew użu ieħor tal-port minn bastimenti ta' Partijiet mhux Kontraenti jistgħu jibdew biss wara li tkun ingħatat awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-port f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

2. Meta bastiment tas-sajd ta' Parti mhux Kontraenti jkun daħal fil-port, l-Istati Membri għandhom jiċħdu l-permess tal-ħatt l-art, it-trażbord, l-ipproċessar u l-ippakkjar tar-riżorsi tas-sajd u ta' servizzi oħra tal-port ta' dak il-bastiment, inkluż il-forniment mill-ġdid ta' fjuwil u ta' provvisti, il-manutenzjoni u d-dħul f'baċir, jekk:

(a) il-bastiment ikun ġie spezzjonat skont l-Artikolu 45 u l-ispezzjoni tiżvela li l-bastiment għandu abbord speċijiet li huma soġġetti għar-rakkomandazzjonijiet tal-NEAFC, sakemm il-kaptan ta' dak il-bastiment tas-sajd ma jipprovdix evidenza sodisfaċenti lill-awtoritajiet kompetenti li turi li l-ħut inqabad barra ż-Żona Regolatorja jew huwa konformi mar-rakkomandazzjonijiet rilevanti kollha tal-NEAFC;

(b) l-Istat tal-bandiera ta' dak il-bastiment tas-sajd, jew l-Istat jew l-Istati tal-bandiera tal-bastimenti tas-sajd donaturi fejn il-bastiment kien involut f'operazzjonijiet ta' trażbord, ma jipprovdux il-konferma f'konformità mal-Artikolu 29;

(c) il-kaptan ta' dak il-bastiment ikun naqas milli jissodisfa kwalunkwe wieħed mill-obbligi stipulati fl-Artikolu 24, il-punti (b) sa (f);

(d) l-Istati Membri jkunu rċevew evidenza ċara li r-riżorsi tas-sajd abbord ittieħdu fl-ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Parti Kontraenti bi ksur tar-regolamenti applikabbli; jew

(e) l-Istati Membri jkollhom biżżejjed provi li l-bastiment kien involut b'mod ieħor f'attivitajiet tas-sajd IUU fiż-Żona tal-Konvenzjoni jew appoġġa tali attivitajiet tas-sajd.

3. Fil-każ ta' ċaħda skont il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw id-deċiżjoni tagħhom lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd ta' Parti mhux Kontraenti jew lil rappreżentant tal-kaptan u lis-Segretarjat tal-NEAFC, b'kopja lill-Kummissjoni u lill-EFCA.

4. L-Istati Membri għandhom jirtiraw iċ-ċaħda tal-permess tagħhom li bastiment tas-sajd ta' Parti mhux Kontraenti juża l-portijiet tagħhom, biss jekk ikun hemm biżżejjed provi li r-raġunijiet li għalihom inċaħad l-użu kienu inadegwati jew żbaljati jew li dawn ir-raġunijiet ma għadhomx jeżistu.

5. Meta Stat Membru jkun irtira ċ-ċaħda tal-permess tiegħu skont il-paragrafu 4, huwa għandu jinnotifika dan minnufih lir-riċevituri tal-komunikazzjoni skont il-paragrafu 3.

Artikolu 47

Azzjoni kontra bastimenti li jidħru fil-listi ta' bastimenti IUU tal-NEAFC

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd li jidhru fil-listi proviżorji ("A") jew ikkonfermati ("B") tal-NEAFC ta' bastimenti li jwettqu sajd IUU:

(a) jiġu spezzjonati f'konformità mal-Artikolu 45 meta jidħlu fil-portijiet tagħhom;

(b) ma jkunux awtorizzati jħottu jew jittrażbordaw fil-portijiet tagħhom;

(c) bl-ebda mod ma jingħataw assistenza jew jitħallew jipparteċipaw fi kwalunkwe operazzjoni ta' trażbord jew ta' sajd konġunt minn bastimenti tas-sajd, bastimenti ta' appoġġ, bastimenti li jfornu l-fjuwil, bastimenti omm u bastimenti tal-merkanzija li jtajru l-bandiera tagħhom; u

(d) ma jiġux fornuti bi provvisti, karburant jew servizzi oħra.

2. Il-paragrafu 1, il-punti (b), (c) u (d), ma għandux japplika għal bastimenti li jidhru fil-lista "A" tal-IUU tal-NEAFC meta jkun ġie rrakkomandat lill-NEAFC li l-bastimenti inkwistjoni jenħtieġ li jitneħħew mil-lista "A".

3. Minbarra l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri li ġejjin fir-rigward tal-bastimenti li jidhru fil-lista "B":

(a) jipprojbixxu d-dħul fil-portijiet tagħhom ta' tali bastimenti u jikkomunikaw tali projbizzjoni f'konformità mal-Artikolu 44(3);

(b) jipprojbixxu l-awtorizzazzjoni ta' tali bastimenti biex jistadu fl-ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni nazzjonali tagħhom;

(c) jipprojbixxu n-noleġġ ta' tali bastimenti;

(d) jirrifjutaw li jagħtu l-bandiera tagħhom lil tali bastimenti;

(e) jipprojbixxu l-importazzjonijiet ta' ħut li ġej minn tali bastimenti;

(f) jipprojbixxu lill-importaturi, lit-trasportaturi u lil setturi oħra kkonċernati mit-trażbord u mill-kummerċ ta' prodotti tas-sajd li jinqabdu minn tali bastimenti; u

(g) jiġbru u jiskambjaw kwalunkwe informazzjoni xierqa ma' Stati Membri u Partijiet Kontraenti oħra għajr l-Unjoni jew ma' Partijiet mhux Kontraenti li jikkooperaw bil-għan li jiġu identifikati, ikkontrollati u evitati ċertifikati foloz tal-importazzjoni/esportazzjoni fir-rigward ta' prodotti tas-sajd minn tali bastimenti.

4. Il-paragrafu 1, il-punt (d), u l-paragrafu 3, il-punti (a) u (d) ma għandhomx japplikaw meta l-Partijiet Kontraenti jitħallew jipprovdu provvisti, fjuwil jew servizzi oħra jew jagħtu l-bandiera tagħhom lil bastiment fuq il-lista IUU wara rakkomandazzjoni magħmula lill-NEAFC abbażi ta' evidenza sodisfaċenti li turi li bastiment huwa destinat għall-iskrappjar jew ser jiġi assenjat mill-ġdid b'mod permanenti għal skopijiet oħra għajr attivitajiet tas-sajd.

TITOLU III

MIŻURI APPLIKABBLI GĦAL ĊERTU SAJD PELAĠIKU

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 48

Kamp ta' applikazzjoni

Sakemm ma jkunx previst mod ieħor, dan it-Titolu japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni u għall-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi li joperaw fl-ilmijiet tal-Unjoni involuti fis-sajd tal-aringa (*Clupea harengus*), tal-kavalli (*Scomber scombrus*), tas-sawrell (*Trachurus* spp.) u tal-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*) fiż-żoni ġeografiċi li ġejjin:

(a) iż-Żona tal-Konvenzjoni; u

(b) l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF.

KAPITOLU II

SAJD TA' ĦUT PELAĠIKU

Artikolu 49

Ġestjoni tal-qabdiet u restrizzjonijiet fuq l-iskariki fuq il-bastimenti tas-sajd pelaġiku

1. L-ispazju massimu bejn il-vireg fis-separatur tal-ilma abbord bastimenti tas-sajd pelaġiku għandu jkun ta' 10 mm. Il-vireg għandhom jiġu wweldjati f'posthom. Jekk fis-separatur tal-ilma jintużaw toqob minflok vireg, id-dijametru massimu tat-toqob ma għandux ikun aktar minn 10 mm. It-toqob fiż-żrieraq li jkunu quddiem is-separatur tal-ilma ma għandux ikollhom dijametru ta' aktar minn 15-il mm.

2. Il-kaptan ta' bastiment tas-sajd pelaġiku għandu jġorr abbord f'kull ħin tpinġijiet relatati mal-ġestjoni tal-qabdiet u mal-kapaċitajiet tal-iskariki. It-tpinġijiet u kwalunkwe modifika fihom għandhom jiġu ċċertifikati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera. Il-kaptan għandu jibgħat kopja tat-tpinġijiet u kwalunkwe modifika fihom lill-awtoritajiet tas-sajd kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera, li għandhom iwettqu verifiki perjodiċi dwar l-akkuratezza tat-tpinġijiet.

3. Il-bastimenti tas-sajd pelaġiku huma pprojbiti milli jiskarikaw ħut taħt il-linja tal-ilma tagħhom, inkluż minn tankijiet ta' lqugħ jew minn tankijiet tal-ilma baħar imkessħin.

4. Kwalunkwe punt ta' skariku taħt il-linja tal-ilma għandu jiġi ssiġillat. Madankollu, l-Istati Membri tal-bandiera jistgħu joħorġu awtorizzazzjoni tas-sajd f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 li tippermetti li punt ta' skariku taħt il-linja tal-ilma ma jkunx issiġillat, dment li:

(a) kwalunkwe użu tal-punt tal-iskariku jista' jiġi mmonitorjat mill-awtoritajiet ta' kontroll b'mezzi elettroniċi mill-bogħod; u

(b) il-punt tal-iskariku u l-mezzi ta' monitoraġġ elettroniku assoċjati jkunu deskritti fit-tpinġijiet iċċertifikati msemmija fil-paragrafu 2.

Artikolu 50

Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' tagħmir ta' tqassim awtomatiku

1. Il-ġarr jew l-użu abbord ta' bastiment tas-sajd ta' tagħmir li jkun jista' jqassam awtomatikament, skont id-daqs, aringi, kavalli, stokkafixx jew sawrell għandu jkun ipprojbit.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-ġarr abbord u l-użu ta' tali tagħmir huma permessi dment li:

(a) il-qabda sħiħa li tista' tinżamm abbord legalment tinħażen fi stat iffriżat, il-ħut imqassam jiġi ffriżat immedjatament wara t-tqassim, l-ipproċessar u l-ippakkjar u l-ebda ħut imqassam ma jiġi rritornat fil-baħar ħlief għal prodotti sekondarji bħall-ġewwieni jew l-irjus, u t-tagħmir ikun installat u jinsab fuq il-bastiment b'tali mod li jiżgura l-iffriżar minnufih u ma jippermettix it-tfigħ lura l-baħar tal-ispeċijiet tal-baħar;

(b) it-tagħmir tat-tqassim abbord il-bastiment ikun tneħħa minn sors tal-enerġija u jkun issiġillat mill-awtoritajiet kompetenti qabel il-bidu tal-vjaġġ tas-sajd li jwassal biex is-sistema tat-tqassim ma tkunx tista' tintuża sakemm l-awtoritajiet kompetenti jneħħu s-siġilli;

(c) il-bastiment tas-sajd ikun mgħammar b'sistemi ta' monitoraġġ elettroniċi mill-bogħod abbord għall-finijiet ta' verifika tal-konformità mal-obbligu ta' ħatt l-art; jew

(d) il-bastiment tas-sajd ikollu osservatur abbord bil-għan li jimmonitorja l-konformità mal-obbligu ta' ħatt l-art.

Artikolu 51

Dispożizzjonijiet dwar it-tbegħid

Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd għandhom ibiddlu ż-żona tas-sajd li fiha joperaw minn kwalunkwe pożizzjoni ta' operazzjoni tas-sajd preċedenti li fiha aktar minn 10 % skont il-piż ħaj tal-qabdiet ta' kwalunkwe waħda mill-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 48 jikkonsistu f'qabdiet taħt id-daqsijiet ta' referenza minimi rilevanti għall-konservazzjoni.

KAPITOLU III

REGOLI SPEĊJALI GĦALL-FAĊILITAJIET TAL-UŻIN U TAL-IPPROĊESSAR

Artikolu 52

Telesorveljanza

1. L-Istati Membri tal-port għandhom jiżguraw is-sorveljanza b'teknoloġiji tal-kamera u tas-sensuri għal ħatt l-art li jaqbeż l-10 tunnellati fil-faċilitajiet ta' ħatt l-art u tal-ipproċessar fejn, b'kollox, jintiżnu aktar minn 3 000 tunnellata fis-sena tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 48. Għal dak l-għan, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku lista tal-portijiet tagħhom li jissodisfaw dawk il-limiti u fejn ikunu japplikaw dawk ir-rekwiżiti.

2. Is-sorveljanza għandha tapplika għall-postijiet u l-faċilitajiet ta' ħatt l-art u tal-ipproċessar u tkopri l-fluss tal-ħut li jinħatt l-art sakemm jitlesta l-użin. Dan ir-rekwiżit ma japplikax matul it-trasportazzjoni tal-qabdiet li jinħattu l-art lejn il-faċilità tal-ipproċessar u tal-użin.

3. Il-persuna responsabbli għall-użin għandha:

(a) tipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti aċċess bi streaming dirett u f'ħin reali għad-*data* ta' sorveljanza; u

(b) taħżen id-*data* ta' sorveljanza għal perjodu minimu ta' sitt xhur u għal perjodu massimu ta' tliet snin u tipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti b'kopja tad-*data* maħżuna fuq talba.

4. Id-*data* miksuba f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tintuża biss għal finijiet ta' kontroll tas-sajd u ma għandhiex tintuża għall-identifikazzjoni ta' persuni fiżiċi.

TITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 53

Ġestjoni tad-data, protezzjoni tad-data personali u kunfidenzjalità

1. Id-*data* personali meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2), l-Artikolu 13, l-Artikolu 14(1), l-Artikolu 15(1), l-Artikolu 16(1), il-punt (d), l-Artikolu 17(3), (4) u (5), l-Artikolu 20(2), l-Artikolu 21(2) sa (5), (7) u (8), l-Artikolu 22(2) u (3), l-Artikolu 23(11) u (12), l-Artikolu 24, il-punti (f) u (g), l-Artikolu 27(1) u (2), l-Artikolu 28(1) u (2), l-Artikolu 30(3) u (4), l-Artikolu 31(5), l-Artikoli 33 u 34, l-Artikolu 35(1), l-Artikolu 37(1), l-Artikolu 38(1), l-Artikolu 39, l-Artikolu 40(1) u (3), l-Artikolu 42(1), l-Artikolu 43(1) u (2), l-Artikolu 45(3), l-Artikolu 47(1) u (3), l-Artikolu 49(2) u (4), l-Artikolu 50(2), il-punti (c) u (d), u l-Artikolu 52 għandha tingħabar u tiġi pproċessata mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, tal-EFCA u tal-Kummissjoni għall-finijiet li ġejjin:

(a) il-konformità mal-obbligi li jidentifikaw il-punti ta' kuntatt rilevanti u jwettqu skambji tad-*data* dwar id-*data* tas-sajd f'konformità mal-Artikoli 7, 8, 13 sa 19, 21, 22, 27 sa 31, 33, 34, 35, 37 sa 40, 42 sa 46, 49, 50 u 52;

(b) il-monitoraġġ tal-opportunitajiet tas-sajd inkluż l-użu tal-kwoti f'konformità mal-Artikolu 18;

(c) il-validazzjoni tad-*data* f'konformità mal-Artikolu 17;

(d) il-monitoraġġ, il-kontroll, l-ispezzjoni u s-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikoli 19 sa 47; u

(e) inkjesti li għandhom x'jaqsmu ma' lmenti, ksur, u proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi, f'konformità mal-Artikoli 35 sa 40 u 42 sa 47.

2. Id-*data* personali li tasal f'konformità ma' dan ir-Regolament ma għandhiex tinħażen għal aktar milli jkun meħtieġ għall-fini li tkun inġabret u, fi kwalunkwe każ, għal aktar minn ħames snin mill-ġbir, ħlief għad-*data* personali li tkun meħtieġa biex tippermetti s-segwitu tal-ilmenti, il-ksur u l-proċedimenti ġudizzjarji jew amministrattivi, li jistgħu jinżammu sa tmiem il-proċedura kkonċernata, il-proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji jew iż-żmien meħtieġ għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet. Jekk l-informazzjoni tinżamm għal perjodu ta' żmien itwal, id-*data* għandha tiġi anonimizzata.

3. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jitqiesu bħala kontrolluri kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2016/679 fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali li jiġbru u jittrażmettu skont dan ir-Regolament.

4. Il-Kummissjoni u l-EFCA għandhom, kull wieħed, jitqiesu bħala kontrolluri kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (8), tar-Regolament (UE) 2018/1725 fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali li jiġbru u jittrażmettu skont dan ir-Regolament.

5. Minbarra l-obbligi stabbiliti fir-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725, l-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-EFCA u l-Kummissjoni għandhom kull wieħed:

(a) jiżguraw trattament kunfidenzjali meta tiġi trażmessa u riċevuta d-*data* elettronika;

(b) jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet dwar il-kunfidenzjalità u s-sigurtà stabbiliti fir-Rakkomandazzjonijiet approvati mill-NEAFC, inkluż protokolli ta' kriptaġġ xierqa biex jiġu żgurati l-kunfidenzjalità u l-awtentiċità;

(c) fejn meħtieġ, fuq it-talba tas-Segretarjat tal-NEAFC, jirrettifikaw jew iħassru rapporti jew messaġġi elettroniċi pproċessati b'mod li ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament;

(d) jiżguraw li d-*data* elettronika tinħażen u tintuża biss għall-monitoraġġ, il-kontroll, l-ispezzjoni u l-infurzar jew għal skopijiet oħra speċifikati f'dan ir-Regolament; u

(e) jiżguraw li t-trażmissjoni kollha tad-*data* elettronika tuża sistemi ta' komunikazzjoni tad-*data* ttestjati kif xieraq mas-Segretarjat tal-NEAFC.

6. L-awtoritajiet tal-Istati Membri, l-EFCA u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw kull wieħed is-sigurtà tal-ipproċessar tad-*data* personali fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali li jsir għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż l-ipproċessar tad-*data* personali mill-awtoritajiet li għandhom dritt ta' aċċess għal bażijiet tad-*data* rilevanti dwar is-sajd. B'mod partikolari, huma għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa, inkluż pjan ta' kontinwità tal-operat u miżuri biex jikkonformaw mal-Linji Gwida u t-Termini u l-Kundizzjonijiet għas-Sistema ta' Ġestjoni tas-Sigurtà tal-Informazzjoni adottata bir-Rakkomandazzjoni tal-NEAFC 08:2014, sabiex:

